

UFFIĊĊJU TAL-OMBUDSMAN PARLAMENTARI

# OMBUDSPLAN 2018

OMBUDSMAN

UFFIĊĊJU TAL-OMBUDSMAN PARLAMENTARI

# OMBUDSPLAN
# 2018

Pubblikazzjoni tal-Uffiċċju tal-Ombudsman
Settembru 2017

Uffiċċju tal-Ombudsman
11, Triq San Pawl
Valletta VLT 1210
Tel: 2248 3210
*Email*: office@ombudsman.org.mt

# Werrej

## Ombudsplan 2018


Daħla..............................................................................................1

Riforma Kostituzzjonali, l-Ombudsman u l-jedd għall-amministrazzjoni pubblika taba..............................................3

Qbil fil-prinċipju bejn il-partiti..............................................................4
Mument ta' Għaqda Nazzjonali..............................................................5
Kontribut siewi fil-proċess ta' konsultazzjoni..............................................................5
Il-veru poter ġej mill-poplu..............................................................6
Parlament b'saħħtu u awtonomu u Eżekuttiv kontabbli..............................................................6
Tissaħħaħ ir-rabta bejn il-Parlament u l-Ombudsman..............................................................7
Il-Kostituzzjoni tipproteġi l-minoranzi..............................................................7
Għarfien tal-kunċett ta' Gvern Miftuħ..............................................................8
Definizzjoni tal-OECD..............................................................8
Il-valur tat-trasparenza ..............................................................9
Il-valur tal-kontabilità..............................................................10
Il-valur tal-parteċipazzjoni..............................................................15
Aspetti li jippreokkupaw..............................................................16
Konklużjoni..............................................................17

Riċerka u Komunikazzjoni..............................................................18

Parteċipazzjoni fuq programmi tat-TV u r-Radju..............................................................20
*Freshers' Week* fl-Università u kuntatt mal-istudenti..............................................................20
Laqgħat regolari f'Għawdex..............................................................20
Kuntatt mal-*media*..............................................................20
Rapporti u pubblikazzjonijiet..............................................................21
Parteċipazzjoni f'sessjoni ta' taħriġ mill-Assoċjazzjoni tal-Ombudsmen tal-Mediterran..............................................................21

Ċart Organizzattiva..............................................................25

Rendikont Finanzjarju 2017/2018..............................................................29

Tagħrif fil-qosor dwar il-finanzjament għas-sena 2017..............................................................30
Tagħrif ieħor relatat man-nefqa għas-sena 2017..............................................................31
Tagħrif dwar il-finanzi..............................................................32

Statistika 2016/2017..............................................................30

Tabella 1 - Statistika ta' ilmenti ġodda, li ngħalqu u pendenti..............................................................31
Tabella 2 - Statistika ta' assistenza li ngħatat lill-pubbliku..............................................................32
Tabella 3 - Klassifika ta' ilmenti ġodda..............................................................33
Tabella 4 - Klassifika ta' każijiet magħluqa..............................................................36
Tabella 5 - Klassifika ta' każijiet sostnuti u magħluqa..............................................................39

# Daħla

Is-sena 2018 timmarka l-ewwel sena sħiħa ta' leġislatura ġdida wara l-Elezzjoni Ġenerali ta' Ġunju ta' din is-sena, kif ukoll l-ewwel sena sħiħa ta' term ġdid tal-Kummissarji għall-Investigazzjonijiet Amministrattivi f'oqsma speċjalizzati.

Huma żewġ avvenimenti li jinteressaw mill-qrib l-Uffiċċju tal-Ombudsman li jeħtieġ li jkun reattiv għal dak li jseħħ kemm fil-pajjiż kif ukoll fi ħdanu u proattiv biex jadatta ruħu għaċ-ċirkostanzi ġodda u lest jagħti l-kontribut tiegħu fejn u meta meħtieġ.

Gvern ġdid li kellu l-mandat tiegħu mġedded ikun ħerqan biex jimplimenta l-programm elettorali tiegħu skont il-mandat li jingħatalu. Proposta ewlenija f'dak il-programm hi riforma fil-Kostituzzjoni, l-ogħla liġi li tipprovdi għall-amministrazzjoni tal-pajjiż.

Riforma li tkun maħsuba biex issaħħaħ l-istituzzjonijiet li jiggarantixxu l-governanza tajba; biex tilħaq l-aspirazzjonijiet leġittimi taċ-ċittadin li jipparteċipa aktar fit-tmexxija u biex tiggarantilu l-jedd għall-amministrazzjoni pubblika tajba. Kollha għanijiet li jinteressaw lill-Ombudsman mill-viċin għaliex jolqtu l-qalba tal-funzjonijiet tal-Uffiċċju tiegħu.

Jidher li hemm kunsens bejn il-forzi politiċi u fil-pajjiż li wasal iż-żmien li jsir dan l-eżami fil-fond tal-Kostituzzjoni fid-dawl tal-prinċipji dejjem jevolvu ta' demokrazija parteċipattiva li għandhom iżommu f'kull żmien il-bniedem fiċ-ċentru tat-tfassil ta' kull ordinament ġuridiku kostituzzjonali. Hu mistenni li s-sena d-dieħla dan id-dibattitu jkun fl-aqwa tiegħu. Hu għalhekk li deherli utli li f'dan l-Ombudsplan nissottometti għall-kunsiderazzjoni tal-Kamra ftit ħsibijiet li jidhirli li huma pertinenti għal dan id-dibattitu. Dan speċjalment fir-rigward tal-kontribut li l-Uffiċċju tiegħi u istituzzjonijiet oħra bil-funzjoni ta' skrutinju ta' atti amministrattivi jistgħu jagħtu biex jassiguraw id-dritt taċ-ċittadin għall-amministrazzjoni pubblika tajba. Ħsibijiet li jaċċennaw għall-ħtieġa ta' tisħiħ tar-rabta bejn l-Uffiċċju tal-Ombudsman u l-Parlament u l-bżonn li l-ħidma tal-Ombudsman u l-Kummissarji fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tagħhom tkun aktar effettiva fl-interess taċ-ċittadin.

*"Riforma Kostituzzjonali li tkun maħsuba biex issaħħaħ l-istituzzjonijiet li jiggarantixxu l-governanza tajba; biex tilħaq l-aspirazzjonijiet leġittimi taċ-ċittadin li jipparteċipa aktar fit-tmexxija u biex tiggarantilu l-jedd għall-amministrazzjoni pubblika tajba"*

L-Ombudsman ingħata l-fakultà li jaħtar Kummissarji għall-Investigazzjonijiet Amministrattivi f'oqsma speċjalizzati bl-emendi li saru fl-Att dwar l-Ombudsman (Att XXI tal-1995) fl-2010. L-Ombudsman ta' dak iż-żmien talab u kiseb il-kunsens tal-Prim Ministru ta' allura biex jaħtar fl-Uffiċċju tiegħu Kummissarju għall-Edukazzjoni, Kummissarju għas-Saħħa u Kummissarju għall-Ambjent u l-Ippjanar. It-terminu ta' ħames snin ta' dawn il-Kummissarju skada f'Lulju ta' din is-sena. Kienet riforma li rnexxiet u tat u qed tagħti lill-Uffiċċju tal-Ombudsman qabża fil-kwalità ta' servizz li jingħata lil min iħossu

aggravat f'dawn l-oqsma. Il-Kummissarji magħżula kienu professjonisti ta' esperjenza kbira fil-qasam tagħhom mogħnija b'awtorità u kompetenza u l-opinjonijiet finali tagħhom gawdew rispett u fiduċja.

Il-Professur Charles Farrugia, is-Sur Charles Messina u l-Perit David Pace qdew il-funzjonijiet tagħhom b'dedikazzjoni u korrettezza. Fehmu sewwa x'inhu l-ispirtu li jimmotiva l-kariga tagħhom biex iservu mhux biss bħala pont bejn iċ-ċittadin li jħoss li sofra inġustizzja u l-amministrazzjoni pubblika imma wkoll bħala vuċi awtorevoli li tista' tikkontribwixxi biex ittejjeb il-governanza fl-oqsma li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tagħhom.

It-tlett Kummissarju filwaqt li żammew l-awtonomija tagħhom fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tagħhom fi ħdan l-Uffiċċju tiegħi, ħolqu relazzjoni ottima mal-Ombudsman u integraw sewwa mal-amministrazzjoni. Il-preżenza u x-xogħol tagħhom inħassu u ġew apprezzati mis-soċjetà. Ta' dan, dawn it-tlett Kummissarji, li huma bil-liġi Uffiċjali ta' dan il-Parlament, jistħoqqilhom vot ta' ħajr u rikonoxximent għax-xogħol kollu siewi li huma wettqu tul dawn il-ħames snin.

Il-Professur Farrugia, li kien għamel żmien bħala Ombudsman tal-Università, qabel ġie maħtur Kummissarju għall-Edukazzjoni għarrafni li ma kienx intenzjonat li t-terminu tiegħu jerġa' jiġi mġedded. Kien hemm qbil bejn il-Prim Ministru u l-kap tal-Oppożizzjoni dwar it-terminu tas-Sur Messina.

L-emendi tal-2010 jipprovdu dwar kif għandha ssir il-ħatra tal-Kummissarji f'kull eventwalità u l-proċess jiġi finalizzat fi żmien utili. Hu mistenni allura li fis-sena 2018 il-Kummissarji ġodda jkunu ilhom xi xhur fil-kariga u jkunu fehmu x'inhi n-natura tal-Uffiċċju tagħhom, irrelataw sewwa mal-Ombudsman u integraw mal-amministrazzjoni tal-Uffiċċju tiegħu biex ilkoll jaħdmu bħala istituzzjoni waħda li tipprovdi servizz speċjalizzat.

Is-sena d-dieħla, bħal dejjem, l-Uffiċċju jibqa' miftuħ biex jilqa' l-ilmenti ta' kull min iħossu aggravat b'xi aġir amministrattiv. Hi l-fehma tiegħi li nkompli nsaħħaħ it-taqsima tal-Uffiċjali Investigaturi u li nagħmlu ħilitna biex l-investigazzjonijiet isiru bil-galbu, b'kompetenza u fl-iqsar żmien possibbli. Fl-aħħar mill-aħħar l-Uffiċċju tal-Ombudsman qiegħed hemm biex jagħti servizz liċ-ċittadin li jħossu li sofra inġustizzja. Nawgura li f'dan l-Uffiċċju jkollu l-kooperazzjoni ta' kulħadd.

**Anthony C. Mifsud**
**Ombudsman Parlamentari**

# Riforma Kostituzzjonali, l-Ombudsman u l-jedd għall-amministrazzjoni pubblika tajba

# Riforma Kostituzzjonali, l-Ombudsman u l-jedd għall-amministrazzjoni pubblika tajba

Malta għadha kemm għaddiet minn esperjenza ta' Elezzjoni Ġenerali b'kampanja elettorali qasira iżda intensiva. Elezzjoni li fiha l-kontroversja politika kienet essenzjalment l-għażla bejn it-tqassim ġust tal-ġid iġġenerat mill-progress ekonomiku u l-ħtieġa li tiġi assigurata amministrazzjoni pubblika tajba u nadifa.

## Qbil fil-prinċipju bejn il-partiti

Il-programmi elettorali kemm dak tal-partit li eventwalment rebaħ l-elezzjoni b'marġini konvinċenti, kif ukoll dak li tilef, enfassizaw, għalkemm fi gradi differenti l-ħtieġa li jissaħħu l-istrutturi li għandhom jiggarantixxu liċ-ċittadin amministrazzjoni pubblika sana imħarsa minn istituzzjonijiet b'saħħithom li jassiguraw trasparenza u kontabilità.

Il-Gvern fil-Programm Elettorali li bih ġie mġedded il-mandat tiegħu jiddikjara li *"minkejja l-ħafna ħidma li saret fuq inizjattivi li jsaħħu t-trasparenza u l-governanza matul dawn l-aħħar erba' snin, nemmnu li xorta għad fadal ħafna xi jsir"*. Jafferma li għadu jinħass li l-poplu jixtieq jara aktar inizjattivi u deċiżjonijiet konkreti f'dan il-qasam. Jidentifika fost l-oqsma li jeħtieġu attenzjoni, analiżi u azzjoni l-ħarsien u t-tisħiħ tal-istituzzjonijiet, ir-riformi parlamentari, it-trasparenza, il-konsultazzjoni, il-governanza u l-kontabilità.

Mill-banda l-oħra, il-partit illum fl-oppożizzjoni impenja ruħu bil-Programm Elettorali tiegħu li jnaddaf is-sistema politika fil-pajjiż darba għal dejjem, li jagħmel bidliet radikali fil-governanza biex itejjibha u jiżgura li l-istituzzjonijiet jiffunzjonaw tajjeb b'mod indipendenti, li tiġi rispettata s-saltna tad-dritt, jiġu protetti d-drittijiet taċ-ċittadini, jiġi deċentralizzat il-poter u żgurata l-kontabilità tal-uffiċjali pubbliċi.

*"Iż-żewġ partiti anke jekk mhux bl-istess enfasi, identifikaw il-ħtieġa li l-proposti tagħhom għall-governanza aħjar ikunu realizzati f'qafas ta' tiġdid kostituzzjonali. Iż-żewġ partiti anke jekk mhux bl-istess enfasi, identifikaw il-ħtieġa illi l-proposti tagħhom għall-governanza aħjar jkunu realizzati f'qafas ta' tiġdid kostituzzjonali."*

Iż-żewġ partiti anke jekk mhux bl-istess enfasi, identifikaw il-ħtieġa li l-proposti tagħhom għall-governanza aħjar ikunu realizzati f'qafas ta' tiġdid kostituzzjonali. Il-Gvern qed jimpenja ruħu li jipproponi t-twelid tat-tieni repubblika b'riforma fil-Kostituzzjoni biex l-ogħla liġi tal-pajjiż tkun aġġornata u tirrifletti aħjar mhux biss iż-żminijiet tal-lum imma ukoll tantiċipa l-futur. Min-naħa tagħha l-Oppożizzjoni ipproponiet li tniedi proċess ta' bidla fil-Kostituzzjoni sabiex jissaħħu l-istrutturi u l-organi tal-Istat inkluż l-indipendenza tagħhom mill-Gvern tal-ġurnata.

## Mument ta' Għaqda Nazzjonali

Il-proposta ta' tiġdid kostituzzjonali bħala mezz effettiv għat-tisħiħ ta' governanza tajba hu mument ta' għaqda nazzjonali, kienet il-qofol tad-diskors tal-Eċċellenza Tagħha l-President ta' Malta, Marie-Louise Coleiro Preca fil-ftuħ tal-Parlament li bih ħabbret il-programm ta' ħidma tal-Gvern fil-leġislatura l-ġdida.

L-Ombudsman ma jistax ma jħarisx b'sens ta' ottimiżmu lejn dawn id-dikjarazzjonijiet pożittivi li jawguraw tajjeb għall-iżvilupp tal-proċess demokratiku fil-pajjiż. Dan speċjalment jekk il-kunsens fil-prinċipju li jidher li hawn jiġi tradott f'miżuri konkreti maħsuba biex isaħħu l-qafas kostituzzjonali li fih għandhom joperaw l-istituzzjonijiet maħsuba biex jiggarantixxu li l-amministrazzjoni pubblika, fis-sens wiesa' tal-kelma, tkun għas-servizz taċ-ċittadin u fl-interess tal-ġid komuni.

Eżerċizzju ta' riforma kostituzzjonali biex ikun validu u jservi fit-tul jeħtieġ mhux biss ikun imsejjes fuq kunsens wiesa' u eventwalment approvat b'ġudizzju popolari, imma wkoll irid ikun imsejjes fuq il-valuri, it-tradizzjonijiet u l-kultura li sawwru l-pajjiż f'nazzjon. Ma jistax allura jkun eżerċizzju motivat mill-konvenjenza politika imma mir-rikonoxximent tal-prinċipji u valuri fundamentali li s-soċjetà kollha kemm hi għandha u għadha tkompli tħaddan biex tiżgura governanza ordnata, paċifika u ġusta fir-relazzjonijiet bejn il-komponenti varji tagħha.

Il-Kostituzzjoni tistabbilixxi l-qafas legali ta' kif għandu jiġi amministrat l-Istat. Qiegħda hemm però biex isservi lill-poplu u mhux qiegħda hemm biex isservi l-Istat. Dan il-prinċipju bażilari għandu jkun il-movent ewlieni fit-tfassil tal-istrutturi tal-organi tal-Istat fil-livelli kollha tagħhom. Minn dan il-prinċipju jitnisslu numru ta' korollari vitali u importanti li għandhom effett dirett fuq it-tfassil tal-istituzzjonijiet u awtoritajiet maħsuba biex jassiguraw amministrazzjoni pubblika tajba.

## Kontribut siewi fil-proċess ta' konsultazzjoni

Hu f'dan il-kuntest li l-Uffiċċju tal-Ombudsman Parlamentari, bħal awtoritajiet oħra mwaqqfa bil-Kostituzzjoni biex jassiguraw amministrazzjoni xierqa u protezzjoni liċ-ċittadin permezz ta' skrutinju tal-aġir tal-amministrazzjoni pubblika f'sens wiesa', huwa f'qagħda li jagħti kontribut siewi fil-proċess ta' konsultazzjoni li trid issir bħala parti mill-konvenzjoni Kostituzzjonali.

F'diskors li kien għamel fil-Forum tal-President f'April 2013 intitolat "*A Constitution to serve the people - the right to good public administration*" l-Ombudsman ta' dak iż-żmien kien irrefera għal numru ta' prinċipji li għandhom iservu ta' gwida ċerta fit-tfassil tar-riforma kostituzzjonali u li sewwa jsir aċenn għalihom.

1. Il-Kostituzzjoni ta' Malta għandha tirrikonoxxi u tiddikjara li l-awtorità kollha tal-Istat temani mill-poplu li permezz ta' elezzjonijiet ħielsa, jagħżel lil dawk li jrid li jiggvernawh skont l-istrumenti kostituzzjonali li hu jkun approva.

2. Il-poplu jiddelega l-poter tiegħu lil dawk il-persuni li jagħżel biex dawn ikunu jistgħu jamministraw il-pajjiż f'isimhom għall-ġid komuni. M'humiex hemm biex jiggvernawhom. Qiegħdin hemm biex iservuhom.

3. Il-persuni eletti biex jamministraw il-pajjiż huma obbligati li jagħmlu dan fl-osservanza sħiħa tal-Kostituzzjoni, tal-liġijiet tal-pajjiż u tal-mandat lilhom mogħti mill-elettorat. Kull persuna bla eċċezzjoni hi soġġetta għall-istess liġi.

4. Il-poter hu mogħti mill-elettorat lir-rappreżentanti tiegħu u f'idejhom fdat b'fiduċja, biex jistgħu jkunu ta' servizz għas-soċjetà. Hu proprju għalhekk li hu meħtieġ li jiġi assigurat li l-fonti veru tal-poter jiġi identifikat u dikjarat fil-Kostituzzjoni. Il-kontabilità tal-Istat għall-azzjonijiet u nuqqas ta' azzjonijiet tal-uffiċjali pubbliċi għandha tiġi bi kjarezza dikjarata.

5. Iċ-ċittadin għandu jiġi mogħti l-mezz kif jassigura li jeżerċita d-dritt tiegħu għall-amministrazzjoni pubblika tajba permezz ta' mekkaniżmi approprjati. Ħafna minnhom, fosthom l-Uffiċċju tal-Ombudsman Parlamentari, diġà jinsabu mnaqqxa fil-Kostituzzjoni imma jeħtieġ li jiġu msaħħa.

## Il-veru poter ġej mill-poplu

L-għarfien tal-prinċipju li l-veru poter ġej mill-poplu u hu fdat mill-elettorat f'idejn ir-rappreżentanti tiegħu biex jamministraw skont il-mandat lilhom mogħti, jwassal għal riflessjoni dwar ir-rabta li jeħtieġ li jkun hemm bejn il-Parlament li jħaddan fih ir-rappreżentanza tal-poplu, il-Kabinett tal-Ministri, l-Eżekuttiv u l-organi l-oħra tal-Istat.

Il-Kostituzzjoni tal-lum hi mfassla l-aktar bħala qafas ġuridiku li fih joperaw il-poteri tal-Istat u tiggarantixxi l-indipendenza u l-inter-dipendenza tagħhom biex tassigura ordni u ġustizzja fis-soċjetà. Ma taħsibx l-aktar għall-ħolqien ta' istituzzjonijiet biex jassiguraw li r-rieda tal-elettorat tiġi rispettata u mwettqa u l-jeddijiet taċ-ċittadini mħarsa. Tiffavorixxi l-aktar ordinament Kostituzzjonali bażat fuq Eżekuttiv b'saħħtu u Parlament pjuttost dgħajjef. Sakemm il-pajjiż ikun tal-fehma li għandu jibqa' jiġi iggvernat b'sistema ta' demokrazija parlamentari repubblikana kif inhu illum, u mhux b'xi sistema oħra ta' tip presidenzjali, jidher li hemm lok ta' riflessjoni fil-fond biex jinstab il-bilanċ ġust bejn il-poteri tal-Parlament u dawk tal-Eżekuttiv.

*"Il-Parlament għandu jakkwista awtonomija sħiħa fl-operat tiegħu u għandu jiġi rikonoxxut bħala l-ogħla u l-aqwa organu tal-Istat bil-funzjoni esklussiva li jilleġisla biex jassigura l-konvivenza ordinata u paċifika tas-soċjetà, l-amministrazzjoni tal-ġid komuni u d-drittijiet u l-obbligi taċ-ċittadini."*

## Parlament b'saħħtu u awtonomu u Eżekuttiv kontabbli

Il-Parlament għandu jakkwista awtonomija sħiħa fl-operat tiegħu u għandu jiġi rikonoxxut bħala l-ogħla u l-aqwa organu tal-Istat bil-funzjoni esklussiva li jilleġisla biex jassigura l-konvivenza ordinata u paċifika tas-soċjetà, l-amministrazzjoni tal-ġid komuni u d-drittijiet u l-obbligi taċ-ċittadini. Mill-banda l-oħra l-Eżekuttiv, waqt li għandu jingħata spazju sħiħ u l-awtorità meħtieġa biex jamministra tajjeb l-affarijiet tal-Istat għall-ġid komuni,

għandu jagħmel dan biss fil-limiti tal-mandat mogħti lilu mill-Parlament u bis-saħħa tal-liġijiet u regolamenti minn dan promulgati.  L-Eżekuttiv għandu jagħti kont ta' għemilu lir-rappreżentanti tal-poplu fil-Parlament.  Hija l-funzjoni tal-Parlament li mhux biss jilleġisla imma wkoll li jżomm lill-Eżekuttiv kontabbli għall-aġir tiegħu.

F'dan ir-rigward il-pajjiż qiegħed juri sensibilità akbar tal-ħtieġa li jesiġi skrutinju tal-operat tal-Eżekuttiv.  Skrutinju li jsir fl-ewwel lok mill-Parlament innifsu u mill-Kumitati Permanenti tiegħu, kif ukoll minn awtoritajiet kostituzzjonali ta' verifika bħal ma huma l-Ombudsman u l-Awditur Ġenerali, il-Qrati u entitajiet oħra. Skrutinju li llum jestendi dejjem aktar għall-operat ta' awtoritajiet, korporazzjonijiet u organizzazzjonijiet oħra pubbliċi mwaqqfa b'liġi li jipprovdu servizz liċ-ċittadin.

Il-Kostituzzjoni llum diġà tipprovdi li kemm l-Uffiċċju tal-Ombudsman kif ukoll dak tal-Awditur Ġenerali ma jifformawx parti mill-Eżekuttiv.  Huma jikkonformaw mal-Prinċipji ta' Pariġi fir-rigward tal-awtonomija finanzjarja u amministrattiva tagħhom. M'huma kontabbli lejn ebda Ministeru, imma huma obbligati li jirrapportaw lill-Kamra tad-Deputati. Kemm l-Awditur Ġenerali, kif ukoll l-Ombudsman u l-Kummissarji maħtura taħt l-Att dwar l-Ombudsman huma Uffiċjali tal-Parlament.

## Tissaħħaħ ir-rabta bejn il-Parlament u l-Ombudsman

Riforma Kostituzzjonali għandha timmira biex issaħħaħ ir-rabta bejn il-Parlament u dawn iż-żewġ awtoritajiet kostituzzjonali tiegħu biex tirrendihom għodda aktar effettiva fl-iskrutinju tal-azzjonijiet tal-Eżekuttiv.  Dan biex jiġi assigurat li ċ-ċittadin verament u effettivament igawdi mill-jedd fundamentali tiegħu għal amministrazzjoni pubblika tajba. Sa llum dawn l-awtoritajiet u oħrajn huma l-aktar meqjusa bħala organi ta' skrutinju maħsuba biex jassiguraw li l-amministrazzjoni pubblika timxi b'mod xieraq, konformament mal-liġi, ġustizzja u ekwità.  Jeħtieġ illum li ssir aktar enfasi fuq l-eżerċizzju tal-funzjonijiet tagħhom fil-perspettiva tal-jedd taċ-ċittadin li l-pajjiż jiġi sewwa amministrat, b'enfasi fuq il-protezzjoni li l-individwu għandu jkollu kontra l-amministrazzjoni pubblika ħażina, d-diskriminazzjoni  improprja, l-abbuż tal-poter u l-vjolazzjoni jew theddida għall-jeddijiet fundamentali.

Il-funzjoni primarja tal-Ombudsman tibqa' dik li jkun tarka taċ-ċittadin kontra l-amministrazzjoni pubblika ħażina.  Għandu wkoll il-funzjoni xejn inqas importanti li jkun il-kuxjenza tal-amministrazzjoni pubblika.  Żgur li l-aħjar mod kif jista' jeżerċita dawn il-funzjonijiet tiegħu fis-servizz taċ-ċittadini hu li tissaħħaħ ir-rabta bejnu u r-rappreżentanti tagħhom fil-Parlament.

## Il-Kostituzzjoni tipproteġi l-minoranzi

F'demokrazija Parlamentari kif inhi Malta l-Kostituzzjoni għandha tkun mhux biss l-aqwa għodda biex tiġi assigurata governanza tajba imma wkoll tkun l-aħjar garanzija għall-protezzjoni tal-minoranzi fil-pajjiż.  Għandha tirregola l-eżerċizzju tal-poteri biex tassigura li l-minoranza mhux biss ikollha vuċi imma wkoll tipparteċipa attivament fit-tmexxija f'kull livell.

Hu għalhekk li l-Kostituzzjoni tipprovdi li fl-eżerċizzju tal-poter leġislattiv il-minoranza tkun rappreżentata minn oppożizzjoni effettiva kemm fil-Kamra tad-Deputati kif ukoll fil-Kunsilli Lokali. Tipprovdi wkoll li fl-eżerċizzju tal-poter eżekuttiv ikun hemm salvagwardji maħsuba biex jassiguraw amministrazzjoni pubblika imparzjali ħielsa minn kull diskriminazzjoni improprja. Dan permezz ta' servizz pubbliku leali lejn il-Gvern tal-ġurnata li jamministra b'mod ġust il-ġid komuni fl-interess tal-kollettività. Il-poter ġudizzjarju mbagħad jiggarantixxi li kulħadd ikun suġġett għall-istess liġi u li l-jeddijiet u l-obbligi taċ-ċittadini jiġu determinati minn Qrati indipendenti u imparzjali. Tribunali li jassiguraw li kull persuna hi suġġetta għall-istess liġi u li kulħadd jiġi trattat b'mod indaqs.

Dawn huma s-sisien li fuqhom hija mibnija d-demokrazija parlamentari li tiġbor fiha l-attività soċjali li minnha joriġina l-jedd fondamentali tal-individwu għall-amministrazzjoni pubblika tajba. Jedd fondamentali li jista' jitgawda biss jekk il-Kostituzzjoni tal-pajjiż tkun tiggarantixxi amministrazzjoni pubblika li tkun miftuħa u aċċessibbli għall-poplu kollu li hi maħsuba li sservi.

*"Jedd fondamentali li jista' jitgawda biss jekk il-Kostituzzjoni tal-pajjiż tkun tiggarantixxi amministrazzjoni pubblika li tkun miftuħa u aċċessibbli għall-poplu kollu li hi maħsuba li sservi."*

## Għarfien tal-kunċett ta' Gvern Miftuħ

F'dawn l-aħħar snin qed ikun hemm dejjem aktar għarfien li l-kunċett ta' gvern miftuħ bħala mezz biex jassigura li l-gvern jirrifletti dejjem aktar fil-politika tiegħu, x-xewqat u l-ħtiġijiet taċ-ċittadini għandu jkun imsejjes fuq it-tlett pilastri ta' trasparenza, kontabilità u parteċipazzjoni. Valuri dawn li għandhom ikunu fiċ-ċentru tat-tfassil ta' kull riforma kostituzzjonali.

L-Uffiċċju tal-Ombudsman ilu snin jisħaq fuq il-ħtieġa li dawn il-valuri ma jibqgħux xewqat fuq il-karta jew *slogans* għall-konvenjenza politika. Sena wara l-oħra hu ġibed l-attenzjoni għal nuqqasijiet amministrattivi li jtappnu t-trasparenza u jdgħajjfu l-kontabilità. Fl-Ombudsplan tas-sena l-oħra per eżempju ġew indikati mill-Ombudsman nuqqasijiet li kienu qed jinċidu negattivament fuq il-politika dikjarata ta' gvern miftuħ proprju għaliex l-amministrazzjoni pubblika għażlet li ma tkunx biżżejjed trasparenti u konsegwentement adegwatament kontabbli.

Jidher li qed jikber il-kunsens fil-pajjiż li wasal iż-żmien meta t-twettiq ta' gvern miftuħ ma jitħalliex għal kollox f'idejn l-amministrazzjoni pubblika imma jkun regolat b'normi kostituzzjonali u liġijiet adegwati. Dan waqt li jitħalla f'idejn il-gvern u l-eżekuttiv l-ispazju u d-diskrezzjoni meħtieġa biex iwettqu l-politika tagħhom skont il-mandat lilhom mogħti mill-elettorat kif espress mill-Parlament.

## Definizzjoni tal-OECD

Fi studju ippubblikat is-sena l-oħra mill-Organiżazzjoni għall-Kooperazzjoni Ekonomika u Żvilupp (OECD) intitolat *"Open government - The global context and a way forward"* ġie ribadit il-kunċett li kollox jindika li gvern ikun miftuħ meta jsegwi l-prinċipji ta' trasparenza,

kontabilità u parteċipazzjoni. L-OECD tiddefinixxi gvern miftuħ bħala kultura ta' governanza bażata fuq l-innovazzjoni u politika pubblika u prattiċi sostenibbli ispirati bi prinċipji ta' trasparenza, kontabilità u parteċipazzjoni li tippromwovi d-demokrazija u t-tkabbir inklussiv.

Dan l-istudju bażat fuq informazzjoni miġbura fuq bosta snin minn aktar minn ħamsin pajjiż jagħti fl-introduzzjoni tiegħu definizzjoni ta' dawn it-tlett prinċipji u l-għanijiet li amministrazzjoni pubblika għandha tittanta twettaq biex tkun qed tipprovdi gvern li jkun verament u realment wieħed miftuħ. Tajjeb li jsir aċċenn għal dawn l-elementi essenzjali fid-definizzjoni tal-OECD u li jiġi indikat liema huma l-aktar oqsma ta' tħassib li lokalment jeħtieġ li jiġu indirizzati. Eżerċizzju dan li jista' jkun mill-atkar utli f'mument meta jidher li riforma radikali Kostituzzjonali qed tiġi xprunata minn kunsens wiesa' u bi qbil almenu fil-prinċipju, li hemm ħafna x'wieħed jirriforma biex l-amministrazzjoni pubblika f'Malta tkun verament rifless ta' Gvern miftuħ.

## Il-valur tat-trasparenza

It-trasparenza governattiva jeħtieġ li tkun tfisser li d-data u l-informazzjoni kollha relevanti tal-Gvern għandha tkun magħrufa u sussegwentement aċċessibbli. L-OECD tidentifika l-grad ta' trasparenza li għandu jkollha l-amministrazzjoni pubblika f'żewġ livelli.

L-ewwel livell jiffoka fuq l-aċċess li ċ-ċittadin għandu jkollu għal din l-informazzjoni permezz ta' liġijiet u strutturi idoneji biex jintlaħaq dan il-għan. F'dan ir-rigward Malta għandha leġislazzjoni biex tissalvagwardja d-data u biex tipprovdi aċċess għall-informazzjoni. Leġislazzjoni li b'mod ġenerali tissodisfa r-rekwiżit ta' trasparenza f'dan il-livell imma li però hemm lok li titjib biex jintlaħaq il-grad ta' aċċess aktar wiesgħa għall-informazzjoni pubblika li diġà jgawdu demokraziji aktar avvanzati bħall-pajjiżi Skandinavi.

Dan l-Uffiċċju diġà esprima l-fehma li aċċess bla xkiel għall-informazzjoni jwassal għal mezzi aħjar kif iċ-ċittadini jistgħu jżommu lill-gvern kontabbli. Dan it-tieni livell ta' trasparenza governattiva jirreferi għall-aċċessibilità għall-informazzjoni li għandu jkun hemm għal min jikkompeti f'oqsma speċifiċi bħall-proġetti ben definiti. Informazzjoni li hija meħtieġa għaliex hu biss meta tkun relevanti, mogħtija f'waqtha u utli għal dawk interessati li tista' tgħin biex ittejjeb it-twettiq ta' programmi politiċi. Hu f'dan il-livell li amministrazzjoni wara l-oħra wriet riluttanza li taċċetta l-prinċipju li ċ-ċittadin għandu dritt li jkun jaf informazzjoni ferm iktar milli qiegħed fil-fatt jingħata u li l-Istat għandu l-obbligu li jagħti dik l-informazzjoni.

Hemm nuqqas ta' għarfien tal-prinċipju fundamentali li l-informazzjoni tal-amministrazzjoni pubblika hi proprjetà tal-pubbliku li għandha bħala regola, tkun aċċessibbli. Huwa biss eċċezzjonalment u f'sitwazzjonijiet ben definiti li l-pubbliku jista' jiġi mċaħħad minnha. L-esperjenza ta' dawn l-aħħar diċenji wriet li d-dritt taċ-ċittadin li jkun informat u l-obbligu tal-Istat li jinformah ma ġew qatt verament rikonoxxuti mill-amministrazzjoni pubblika. L-atteġġjament uffiċjali bħala regola dejjem kien li l-amministrazzjoni tinforma liċ-ċittadin dwar dak li jkun qiegħed iseħħ fil-limiti, sa fejn u meta jidhrilha hi.

Filwaqt li indubbjament sar progress konsiderevoli dwar l-għoti ta' informazzjoni f'dokumenti mqiegħda għal konsultazzjoni tal-pubbliku dwar politika tal-Gvern f'diversi

oqsma, mhux l-istess jista' jingħad għall-għoti ta' informazzjoni dwar attivitajiet, kuntratti u proġetti ta' Ministeri u awtoritajiet pubbliċi. Ir-raġunijiet mogħtija għar-rifjut huma kważi dejjem l-istess bħal *"mhux fl-interess pubbliku f'dan l-istadju"* jew *"minħabba li tinvolvi informazzjoni sensittiva kummerċjali"*. Raġunijiet li spiss jirriżulta li jkunu skużi bla ġustifikazzjoni.

Waqt li indubbjament hemm każijiet fejn ikun veru fl-interess pubbliku li l-informazzjoni m'għandhiex tingħata meta mitluba u dan fl-interess pubbliku, politika ta' ħabi u segretezza dwar kif jiġi amministrat il-ġid komuni ma hi ta' vantaġġ la għaċ-ċittadin u lanqas għall-amministrazzjoni. Din hi politika li tiġġenera suspetti u tagħti lok għal spekulazzjoni dwar amministrazzjoni ħażina u abbuż. Hu fatt magħruf li f'demokrazija attiva, il-gideb għomru qasir u s-sigrieti eventwalment kollha jinkixfu.

Fl-aħħar mill-aħħar hu dritt tal-poplu li jkun sewwa mgħarraf kif qed jiġu amministrati flusu u jingħata rendikont biex ikun jista' japprezza l-mod kif ir-rappreżentanti tiegħu jkunu qiegħdin jaġixxu. Din hi l-iprem kunsiderazzjoni ta' interess pubbliku li tiżboq kull kunsiderazzjoni oħra inklużi dawk ta' interessi kummerċjali sensittivi jew konvenjenza politika. Jeħtieġ li titrawwem il-kuxjenza li l-politiku għandu jkun leali lejn il-verità u hekk jipprovdi informazzjoni korretta, sħiħa u f'waqtha lill-kostitwenti tiegħu. Hekk biss jista' jingħad li amministrazzjoni tkun verament trasparenti.

Hu għalhekk li dan l-Uffiċċju qed jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġi korrettament evalwat id-dritt taċ-ċittadin li jkun sewwa informat kif qed jiġi amministrat il-ġid komuni. Jittama li dan l-aspett ta' dritt fundamentali tal-individwu għall-amministrazzjoni pubblika tajba jiġi studjat bir-reqqa. Dan ukoll waqt id-dibattitu dwar ir-riforma kostituzzjonali bil-għan li jiġu inkorporati s-salvagwardji meħtieġa biex jiffavorixxu l-aqwa livell ta' trasparenza li l-Gvern għandu jissodisfa.

## Il-valur tal-kontabilità

L-OECD torbot il-valur tal-kontabilità mat-trasparenza. Il-kontabilità tirreferi għar-responsabbiltà u dover tal-Gvern li jinforma liċ-ċittadini dwar id-deċiżjonijiet li jieħu kif ukoll li jipprovdi kont tal-attivitajiet u l-operat tal-Gvern kollu kemm hu u tal-uffiċjali pubbliċi. Kif ingħad, f'sistema ta' governanza demokratika hu l-elettorat li hu l-aqwa fonti li jilleġittima l-mandat tal-uffiċjali tal-Gvern. Hu permezz ta' dik il-kontabilità li l-azzjonijiet tal-amministrazzjoni jaqgħu taħt skrutinju f'eżerċizzju li jħaddem u jsaħħaħ l-ordni demokratika. Min-naħa l-oħra għandha tkun il-kultura aċċettata minn kull Gvern li hu għandu jkun kontabbli lejn iċ-ċittadini, kemm meta dawn jitolbuha kif ukoll meta ma jitolbuhiex.

Biex tiġi assigurata kontabilità effiċjenti u effikaċi li tiggarantixxi tgawdija tal-jedd għal amministrazzjoni pubblika tajba jeħtieġ li titrawwem fil-klassi politika l-kultura li taċċetta bla riservi li l-ħidma tagħha hi suġġetta għall-iskrutinju ta' awtoritajiet awtonomi u indipendenti. Skrutinju li m'għandux ikun limitat għall-ġudizzju popolari ta' elezzjoni jew referendum, iżda għandu jkun kontinwu u f'waqtu. L-Eżekuttiv u l-amministraturi pubbliċi f'kull livell huma obbligati li jagħtu kont tal-ħidma tagħhom f'kull żmien meta jkunu hekk mitluba biex jagħmlu mill-awtoritajiet kompetenti.

Hu proprju għalhekk li dawn l-awtoritajiet li jinkludu l-Qrati, awtoritajiet kostituzzjonali,

regolaturi mwaqqfa b'liġi, l-istess Parlament u uffiċjali tiegħu bħall-Ombudsman u l-Awditur Ġenerali jeħtieġ li jiġu msaħħa. Il-Kostituzzjoni u l-liġijiet għandhom jipprovdu għall-mekkaniżmi li jiffavorixxu l-indipendenza u l-awtonomija tagħhom. Dan kemm fil-metodu tal-ħatra, it-terminu u l-kundizzjonijiet tal-nomina u l-eżerċizzju tal-funzjonijiet tagħhom. Il-kwalità u l-effikaċja ta' dawn l-istituzzjonijiet tiddependi ħafna mill-grad ta' fiduċja li min jokkupahom jirnexxielu jiġġenera fiċ-ċittadin li jirrikorri lejhom.

Filwaqt li istituzzjonijiet bħall-Ombudsman u l-Awditur Ġenerali jeħtieġ li jkollhom relazzjonijiet korretti mal-amministrazzjoni pubblika u jaġixxu b'kollaborazzjoni u f'sintonija mal-politika li tkun qed tiġi implimentata mill-amministrazzjoni tal-ġurnata, hu doveruż li jżommu distanza rispettuża li tippermettilhom li jaġixxu għal kollox b'mod awtonomu u indipendenti. Jeħtieġ li titrawwem il-konvinzjoni li dawn l-istituzzjonijiet u oħrajn b'funzjoni ta' skrutinju tal-amministrazzjoni pubblika m'humiex parti minn dik l-amministrazzjoni li taqa' fil-ġurisdizzjoni tagħhom u bl-ebda mod ma jirrispondu għaliha.

Il-pajjiż tul dawn l-aħħar deċenji ġie mogħni b'diversi istituzzjonijiet ta' din ix-xorta. Imma bl-eċċezzjoni ta' ftit, bħal ma huma l-Uffiċċju tal-Ombudsman u dak tal-Awditur Ġenerali, il-liġijiet li waqqfuhom ma jagħtux garanzija ta' indipendenza u awtonomija sħiħa mill-Gvern u jħallu spazju għall-aġir li jagħti lok għal suspetti ta' influenza indebita li ddgħajjef l-eżerċizzju ta' skrutinju. Fuq kollox hu meħtieġ li kull min hu fdat b'xi funzjoni ta' skrutinju tal-amministrazzjoni pubblika jkun konxju mid-dover tiegħu li jeżerċitah mingħajr biża' jew favuri kif ukoll ikollu għarfien sħiħ tar-rwol tiegħu li jesiġi li l-amministratur pubbliku jagħti kont sħiħ u korrett tal-ħidma tiegħu.

> *"Hu meħtieġ li kull min hu fdat b'xi funzjoni ta' skrutinju tal-amministrazzjoni pubblika jkun konxju mid-dover tiegħu li jeżerċitah mingħajr biża' jew favuri kif ukoll ikollu għarfien sħiħ tar-rwol tiegħu li jesiġi li l-amministratur pubbliku jagħti kont sħiħ u korrett tal-ħidma tiegħu."*

Dawn l-istituzzjonijiet illum għandhom sehem vitali biex jassiguraw bilanċ bejn il-poteri tal-Istat ħalli kull min jamministra l-poter ikun suġġett għall-istess liġi u biex min jabbuża minnu jkun kontabbli għal għemilu. F'dan ir-rigward jidher li għad hemm ħafna x'isir biex tinkiseb il-fiduċja taċ-ċittadini li qed jintlaħaq il-livell mixtieq li l-pajjiżi avvanzati demokratikament qiegħdin igawdu.

- **Proposti għat-tisħiħ tal-Uffiċċju tal-Ombudsman**

Dan l-Uffiċċju f'diversi okkażjonijiet issottometta proposti għall-kunsiderazzjoni tal-Kamra tad-Deputati u ta' diversi amministrazzjonijiet fuq kif l-istituzzjoni tista' tissaħħaħ aktar biex tagħti l-aqwa servizz liċ-ċittadin. Ħafna minn dawn il-proposti ġew sottomessi lill-Gvern f'dokument li jġib l-isem "*On the strengthening of the Ombudsman institution*" ippubblikat f'Jannar tal-2014. Fl-Ombudsplan tas-sena l-oħra mbagħad saru suġġerimenti speċifiċi fosthom dak dwar il-ħolqien tal-pożizzjoni ta' Deputat Ombudsman, tibdil fil-proċess kif jiġu maħtura l-Ombudsman u l-Kummissarji biex tiġi assigurata aktar trasparenza u biex jiġu aċċertati l-kompetenza u l-addattabilità tal-persuni rakkomandati għall-ħatra, kif ukoll dwar li t-terminu tal-ħatra għandu jkun wieħed uniku twil u mhux wieħed qasir rinnovabbli. Dawn u riformi oħrajn jeħtieġ li jiġu indirizzati għaliex anke jekk jidhru ta' importanza sekondarja, jgħinu biex l-istituzzjoni taħdem aħjar u b'mod aktar awtonomu.

Hekk per eżempju, l-esperjenza tal-aħħar xhur uriet li jista' jkun hemm nuqqas ta' qbil dwar it-tiġdid tat-terminu ta' Kummissarju. Dan jista' iwassal mhux biss għal negozjar mhux mixtieq imma wkoll intralċ fis-sistema tal-Kummissarji li taħdem b'tant suċċess għall-benefiċċju taċ-ċittadini. Dan it-titjib jista' jsir sempliċiment b'emendi fl-Att dwar l-Ombudsman u ma jeħtieġ ebda riforma kostituzzjonali, għalkemm hu mixtieq li wħud mill-proposti jkunu inkorporati f'tali riforma.

Biex jiġi realizzat b'mod effettiv il-prinċipju tal-kontabilità fil-proċess demokratiku mhux biżżejjed li jkun hemm l-akbar trasparenza possibbli fil-limiti stabbiliti bil-liġi. Lanqas hu biżżejjed li titrawwem fil-klassi politika u fis-soċjetà ċivili, il-mentalità li kull uffiċjal pubbliku, hi x'inhi l-kariga li jokkupa, għandu jkun kontabbli għal għemilu. Jeħtieġ ukoll li l-istrutturi kollha maħsuba biex jesiġu u jassiguraw din il-kontabilità jkollhom, fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tagħhom u skont in-natura tagħhom, poteri biżżejjed biex jirrendu effettivi l-konklużjonijiet li jaslu għalihom fil-kors tal-investigazzjonijiet tagħhom.

- **It-twettiq tar-rakkomandazzjonijiet**

F'dan ir-rigward l-Uffiċċju tal-Ombudsman għandu żvantaġġ, magħruf imma mixtieq, li l-opinjonijiet finali tal-Ombudsman u tal-Kummissarji m'humiex esegwibbli. Għandhom biss, u hekk għandu jkun, saħħa ta' opinjoni u deċiżjoni awtorevoli dwar jekk seħħitx inġustizzja minħabba amministrazzjoni ħażina, diskriminazzjoni improprja jew abbuż tal-poter. Fejn din tirriżulta bħal regola, issir rakkomandazzjoni kif dik l-inġustizzja tista' u għandha tiġi rimedjata. Jibqa' fatt negattiv li, waqt li ġeneralment l-Uffiċċju tal-Ombudsman isib kooperazzjoni mid-dipartimenti u l-awtoritajiet pubbliċi kemm waqt l-investigazzjoni kif ukoll fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tiegħu, hemm każijiet fejn din il-kooperazzjoni ma tilħaqx il-livell mixtieq.

Jingħataw żewġ eżempji.

Minn żmien għal żmien l-Uffiċċju jirċievi ilmenti dwar ħsarat li sewwieqa jkunu sofrew minħabba nuqqas ta' manutenzjoni xierqa tat-toroq mill-Kunsilli Lokali. Dawn sa ftit ilu dejjem ċaħdu r-responsabbiltà u irrifjutaw li jagħmlu tajjeb għal dawn il-ħsarat. Maż-żmien però bl-insistenza tal-Uffiċċju kif ukoll l-iżviluppi li seħħew fil-ġurisprudenza, il-Kunsilli Lokali bidlu l-atteġġjament u bdew jaċċettaw li jagħmlu tajjeb għal dawn il-ħsarat meta jirriżulta li jkunu seħħew minħabba nuqqasijiet tagħhom.

B'kooperazzjoni ma' dan l-Uffiċċju, inħolqot proċedura kif għandhom jiġu investigati dawn il-każijiet mill-Ombudsman biex jiddetermina jekk kienx hemm każ ta' nuqqas amministrattiv u jekk kienx hemm dak il-grad ta' prova meħtieġ biex tiġi stabbilita l-ħtija lil'hinn minn kull dubju raġonevoli u allura jsir il-pagament. Jidher li dan l-aħħar l-atteġġjament inbidel. M'għadx hemm dan l-ispirtu ta' kooperazzjoni. Uħud mill-Kunsilli qed jinsistu li l-persuna li sofriet il-ħsara kellha f'kull każ tmur arbitraġġ biex tiġi stabbilita r-responsabbiltà tal-Kunsilli. Fuq pariri żbaljati tal-avukati li qegħdin fil-prattika jikkontestaw il-ġurisdizzjoni tal-Uffiċċju tal-Ombudsman li jinvestiga dawn l-atti amministrattivi u jinsistu fuq proċess ġudizzjarju meta hi l-funzjoni tal-Ombudsman proprju li jevita tali proċeduri meta n-nuqqas amministrattiv ikun ċar. Dan jinvolvi lil min sofra l-ħsara fi spejjeż, taħbit u dewmien bla bżonn. Spiss jaqta' qalbu speċjalment jekk l-ammont ta' danni jkun żgħir.

Huwa għal kollox inaċċettabbli li awtorità pubblika suġġetta bil-liġi għall-ġurisdizzjoni tal-Ombudsman biex tinvestiga l-aġir tagħha, tittanta tostakola l-investigazzjoni billi tqajjem eċċezzjonijiet legalistiċi li posthom hu fl-awla tal-Qorti u mhux fi proċess amministrattiv. Awtorità pubblika li taġixxi b'dan il-mod jew li tonqos li tikkoopera mal-Ombudsman fl-investigazzjoni tiegħu, anki billi ma tipprovdix informazzjoni jew tonqos li tirrispondi fil-ħin għall-korrispondenza mal-uffiċjal investigatur, tkun qed turi li ma tapprezzax il-prinċipju tal-kontabilità jew, li hu wisq agħar, qed tirrifjuta li tirrikonoxxih.

- **Dewmien li jxekkel l-investigazzjoni u l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet**

Mhux aċċettabbli li dan l-Uffiċċju jdum ix-xhur biex jirċievi risposta mill-amministrazzjoni pubblika mingħajr raġuni valida. Dewmien bħal dan jxekkel l-investigazzjoni. Jkun għalxejn li l-Uffiċċju jintrabat b'*Charter* ta' Kondotta li jimponi terminu ta' żmien li fih għandhom bħala regola, jiġu investigati l-ilmenti, meta kollox ikun jiddependi mill-kooperazzjoni tal-amministrazzjoni pubblika.

Mhux sewwa li tiġi rifjutata talba għall-informazzjoni sensittiva mitluba mill-Ombudsman iżda tingħata lill-Awditur Ġenerali biss. L-amministrazzjoni m'għandha ebda diskrezzjoni f'dan ir-rigward u mhux sewwa li l-Ombudsman jew il-Kummissarji jitpoġġew f'sitwazzjoni li jkollhom jagħmlu użu mill-poteri straordinarji li għandhom biex jakkwistaw informazzjoni li bil-liġi huma intitolati għaliha. L-awtorità ta' dawn iż-żewġ istituzzjonijiet għandha tkun ittrattata bl-istess rispett u sudizzjoni mill-amministrazzjoni pubblika.

*"Aspett ieħor negattiv li jdgħajjef il-valur tal-kontabilità huwa d-diffikultajiet li l-Ombudsman u l-Kummissarji qegħdin kull tant jiltaqgħu magħhom fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet li jagħmlu biex jiġu rimedjati inġustizzji li jkunu identifikaw fl-opinjoni finali tagħhom."*

Aspett ieħor negattiv li jdgħajjef il-valur tal-kontabilità huwa d-diffikultajiet li l-Ombudsman u l-Kummissarji qegħdin kull tant jiltaqgħu magħhom fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet li jagħmlu biex jiġu rimedjati inġustizzji li jkunu identifikaw fl-opinjoni finali tagħhom.

Filwaqt li jibqa' pożittiv li persentaġġ għoli mill-ilmenti jiġi finalizzat mingħajr il-ħtieġa ta' opinjoni finali permezz ta' medjazzjoni bejn min jagħmel l-ilment u l-awtorità pubblika, u filwaqt li hu minnu wkoll li l-opinjoni finali hi bħala regola aċċettata, jibqa' każijiet fejn l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjoni ddum xhur biex issir, jekk qatt ma ssir. Iċ-ċittadin jiġi informat bl-opinjoni finali li għandu raġun iżda jibqa' bir-raġun biss għaliex ir-rimedju ma jingħatax.

Meta dan jiġri, l-awtorità u l-utilità tal-Uffiċċju tal-Ombudsman jitpoġġew fid-dubju u jiddgħajjfu. Iċ-ċittadin jibda jagħżel toroq oħra biex jipprova jinqeda. Atteġġjament bħal dan huwa għal kollox skorrett għaliex min iħossu aggravat jibda ma jagħżilx it-triq li jinsisti li jieħu dak li ħaqqu bi dritt imma jkun mġiegħel jagħżel it-triq tal-għajnuna mill-

politiċi jew minn terzi. Triq li tista' twassal għal favoritiżmu indebitu jew diskriminazzjoni improprja.

Mhux sewwa, per eżempju, li l-Kummissarju għas-Saħħa jkollu pendenti każijiet li dwarhom hu jkun iffinalizza opinjoni imma li jkun hemm riluttanza mill-amministrazzjoni biex ir-rakkomandazzjoni tiegħu tiġi implimentata. Dan meta ħafna minn dawn il-każijiet jirrigwardaw l-għoti ta' trattament għall-kura li skont il-Kummissarju min jagħmel l-ilment ikun intitolat għalih skont il-liġi. Lanqas hu sewwa li dawn il-persuni jkollhom jirrikorru għal mezzi oħra bħal *Community Chest Fund* biex jakkwistaw il-kura meħtieġa. Dan hu għal kollox żbaljat. Hu dover tal-Istat li jipprovdi l-fondi meħtieġa għal dak li ċ-ċittadin għandu dritt għalih. Waqt li x-xogħol ta' għaqdiet volontarji li jiddependu fuq il-ġenerożità tal-pubbliku naturalment hu ta' min ifaħħru, l-għajnuna valida li huma jagħtu m'għandha qatt tissostitwixxi l-obbligu tal-Gvern li jipprovdi hu għal dak li l-Parlament ikun iddekreta li l-pazjent hu intitolat għalih.

Dawn il-każijiet u oħrajn, jenfasizzaw il-ħtieġa li jinstab il-mezz kif l-opinjonijiet finali tal-Ombudsman li ma jkunux ġew implimentati mill-awtorità pubblika, ikunu, meta hekk jimmeritaw, sottomessi lill-Parlament u l-Kumitati Permanenti tiegħu għall-iskrutinju pubbliku u eventwalment għad-deċiżjoni politika dwarhom. Dan naturalment f'qafas awto regolatorju proprju għall-Kamra tad-Deputati.

- **Il-Parlament u l-valur tal-kontabilità**

F'dan ir-rigward l-Ombudsman iqis li fid-dibattitu dwar ir-riforma kostituzzjonali l-valur tal-kontabilità għandu jingħata l-importanza li jistħoqqlu biex ikun garantit il-prinċipju li l-funzjoni primarja tal-amministratur pubbliku f'kull livell, hu li jagħti servizz lill-pajjiż u li għandu jagħti kont ta' dak is-servizz liċ-ċittadin. Għandu jkun qabel xejn il-Parlament li jesiġi dik il-kontabilità prinċipalment permezz tal-Kumitati Permanenti tiegħu.

> *"Il-Parlament jeħtieġ li jagħmel użu sħiħ mill-istituzzjonijiet kostituzzjonali mwaqqfa apposta fi ħdanu biex jagħmlu skrutinju tal-aġir tal-awtoritajiet pubbliċi. L-iprem fost dawn hemm l-Ombudsman Parlamentari...u l-Awditur Ġenerali"*

Għal dan il-fini, il-Parlament jeħtieġ li jagħmel użu sħiħ mill-istituzzjonijiet kostituzzjonali mwaqqfa apposta fi ħdanu biex jagħmlu skrutinju tal-aġir tal-awtoritajiet pubbliċi. L-iprem fost dawn l-awtoritajiet hemm l-Ombudsman Parlamentari li għandu l-ġurisdizzjoni li jinvestiga l-aġir amministrattiv u l-Awditur Ġenerali li l-ġurisdizzjoni tiegħu testendi għall-amministrazzjoni tal-fondi pubbliċi. Hu għalhekk imperattiv li r-rabta bejn il-Parlament u dawn iż-żewġ istituzzjonijiet kostituzzjonali tissaħħaħ u tiġi istituzzjonalizzata. Fil-każ tal-Ombudsman mhux biss biex ikun ta' tarka għaċ-ċittadin imma wkoll biex ikun il-kuxjenza tal-amministrazzjoni pubblika.

F'kull riforma kostituzzjonali jeħtieġ għalhekk mhux biss li l-Uffiċċju tal-Ombudsman ikun igawdi l-istess garanziji kostituzzjonali li jgawdi minnhom illum l-Uffiċċju tal-Awditur Ġenerali, imma wkoll u aktar importanti li tiġi definita kostituzzjonalment ir-rabta li għandu jkun hemm bejn dawn iż-żewġ istituzzjonijiet u l-Parlament, kif ukoll id-distakk nett li

għandu jkollhom mill-amministrazzjoni tal-ġurnata. Dan b'mod li tiġi kostituzzjonalment msaħħa u rikonoxxuta l-awtonomija u l-indipendenza sħiħa tagħhom.

## Il-valur tal-parteċipazzjoni

It-tielet pilastru li fuqu jinbena gvern miftuħ f'soċjetà demokratika huwa l-valur tal-parteċipazzjoni. B'dan il-valur l-OECD tifhem l-involviment ta' individwi u gruppi tas-soċjetà ċivili fit-tfassil, l-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni ta' proġetti tal-Gvern. Il-ħsieb hu li gvern jista' jakkwista l-aqwa benefiċċji mill-interazzjoni attiva mal-pubbliku jekk jirrikonoxxi l-benefiċċji li s-soċjetà kollha ċivili kif organizzata kif ukoll is-settur privat jistgħu jipprovdu. Dan kemm billi jagħtu informazzjoni u pariri kif ukoll billi jinvolvu ruħhom direttament fil-proġetti u pjanijiet għall-governanza tagħhom.

Bla dubju f'demokrazija parlamentari l-ogħla u l-aqwa espressjoni ta' parteċipazzjoni popolari timmanifesta ruħha fis-sistema elettorali li biha ċ-ċittadini jeleġġu r-rappreżentanti tagħhom kemm fil-Kamra tad-Deputati kif ukoll fil-Kunsilli Lokali u fora oħrajn. Minn dawn il-proċessi elettorali jitnisslu l-istituzzjonijiet bil-mandat li jiggvernaw lis-soċjetà u jamministraw il-ġid komuni. Minn hemm ukoll joriġina l-jedd fundamentali taċ-ċittadin għall-amministrazzjoni tajba.

M'hemmx dubju li fil-qasam tal-parteċipazzjoni popolari l-pajjiż għamel qabżiet ta' kwalità fid-direzzjoni tajba. Fil-medda tas-snin sar tibdil sostanzjali, ġeneralment b'kunsens bejn il-forzi politiċi. Id-dritt tal-vot ġie estiż għal kulħadd u hemm kunsens li jingħata lil kull min għalaq sittax-il sena. Saru ritokki fis-sistema elettorali biex jassiguraw li l-partit li jġib l-aktar voti jkun mogħti l-mandat biex jiggverna. Hemm moviment qawwi favur parteċipazzjoni akbar tan-nisa fil-politika, bil-mira li tintlaħaq l-ugwaljanza bejn is-sessi. Anke f'dan ir-rigward il-ħolqien tal-Kunsilli Lokali kien ċertament pass determinanti fil-parteċipazzjoni taċ-ċittadini fl-amministrazzjoni pubblika u eżerċizzju ta' devoluzzjoni tal-poter li għad irid jiżviluppa. Hu fatt pożittiv ukoll li l-konsultazzjoni bejn il-partiti politiċi, s-soċjetà ċivili u ċ-ċittadini f'diversi livelli u forom qiegħda dejjem tiżdied u taħt ċerti aspetti qed tkun ukoll istituzzjonalizzata. L-indikaturi kollha f'dan ir-rigward huma pożittivi.

Riforma kostituzzjonali għandha tieħu nota ta' dawn l-iżviluppi u fejn meħtieġ tipprovdi għalihom biex issaħħaħhom. Dan biex tassigura li l-parteċipazzjoni popolari fl-amministrazzjoni tal-ġid komuni tkun mill-aktar wiesgħa, effettiva u garantita kostituzzjonalment. Hu ovvju li aktar ma tkun qawwija l-parteċipazzjoni tal-elettorat akbar tkun l-esiġenza għat-trasparenza u l-insistenza fuq il-kontabilità ta' dawk fdati bl-amministrazzjoni pubblika.

Jista' jingħad li fl-aħħar diċenji l-pajjiż mexa u għadu miexi b'passi deċiżivi biex l-involviment taċ-ċittadin u allura tal-elettorat fl-amministrazzjoni pubblika jkun aktar inklussiv u parteċipattiv. Dan mhux biss qabel l-elezzjoni imma wkoll waqt iż-żmien kollu tal-leġislatura. Dan jiċħduh per eżempju kemm il-parteċipazzjoni tas-soċjetà ċivili fl-MCESD kif ukoll il-pubblikazzjoni ta' *pre-budget documents* konsultattivi kemm mill-Gvern kif ukoll mill-Oppożizzjoni.

## Aspetti li jippreokkupaw

Hemm aspetti li però jippreokkupaw u jeħtieġ li tittieħed nota tagħhom waqt dibattitu miftuħ u oġġettiv fuq proposti ta' riforma kostituzzjonali. Dawn jinkludu:

1. *Proċess elettorali aktar rappreżentattiv.* Id-dritt għall-amministrazzjoni tajba jsib il-ġenesi tiegħu fil-mira li l-Kamra tad-Deputati tkun kemm jista' jkun, rappreżentattiva tal-elettorat. Dan b'sistema li, filwaqt li tiggarantixxi governanza stabbli, tagħti lok għall-partiti politiċi ta' fehmiet differenti li jikkontribwixxu għall-amministrazzjoni pubblika. F'dan ir-rigward il-pajjiż tul is-snin affronta diffikultajiet li rriżultaw fit-tħaddim tas-sistema elettorali u ipprovda b'mod pożittiv għal kull eventwalità li nqalgħet. Jidher però li għad hemm lok li s-sistema tkun aktar mirqum sabiex tippermetti rappreżentanza aktar miftuħa ta' minoranzi sakemm dawn ikunu jissodisfaw kriterji stabbiliti li jinititolahom għal rappreżentanza.

2. *The power of incumbency*. Sistema elettorali f'demokrazija parlamentari organizzata f'partiti politiċi, tpoġġi għażla ta' programmi għall-governanza tal-pajjiż quddiem l-elettorat. Biex dan il-proċess ikun verament ġust u miftuħ, hu essenzjali li dawk kollha li jqiegħdu lilhom infushom għall-ġudizzju tal-kunsens popolari jagħmlu dan kemm jista' jkun fuq *level playing field*. Wieħed jifhem li l-partit fil-gvern ikun f'pożizzjoni ta' vantaġġ in kwantu jkun f'qagħda tul il-leġislatura li jimplimenta l-politika tiegħu favur is-soċjetà u dak jista' jissarraf f'voti. Dak li jagħmel ikun soġġett għall-kritika però huwa għal kollox leġittimu. Mill-banda l-oħra ma jidher li hemm l-ebda regoli li jiddeterminaw il-limiti safejn Gvern li jkun sejjaħ elezzjoni jew konsultazzjoni popolari, jista' jibqa' jamministra l-pajjiż b'mod li jinfluenza indirettament l-għażla tal-votant.

In-nuqqas ta' regoli f'dan ir-rigward dejjem qajjem ilmenti serji dwar influenza indebita. Wieħed li l-aktar ġab din il-kwistjoni għall-attenzjoni tal-opinjoni pubblika fil-passat kien Dr Alfred Sant meta kien Kap tal-Oppożizzjoni. Hu kien ħassu aggravat mill-*power of incumbency* li skont hu eżerċita l-Gvern tal-ġurnata biex akkwista vantaġġ. Jidher li wasal il-mument li jintlaħaq kunsens fuq il-limiti tal-poter li jistgħu jeżerċitaw il-Gvern u awtoritajiet pubbliċi biex jiġi assigurat li, kemm jista' jkun, f'dak il-perjodu delikat jinħoloq *a level playing field* għall-kandidati kollha. Il-poteri ta' *caretaker government* għandhom ikunu definiti kostituzzjonalment u determinati b'liġi. L-esperjenza turi li nuqqas ta' regoli inevitabbilment jiġġenera suspetti ta' irregolarità u abbuż li ma jgħinux it-trasparenza tal-proċess elettorali u l-governanza tajba.

3. *Persons of trust.* Materja oħra li f'dawn l-aħħar snin ippreokkupat mhux ftit lis-soċjetà ċivili hija l-prattika sostnuta li jiġu ingaġġati mal-amministrazzjoni pubblika individwi bħala *persons of trust* li ma jkunux parti mis-servizz pubbliku. Persuni impjegati direttament, għall-perjodu fiss, mill-Gvern u mhux permezz ta' proċess ta' selezzjoni kompetittiva. Apparti s-segretezza inaċċettabbli dwar il-kundizzjonijiet tal-impjieg li jgawdu wħud minn dawn il-persuni, id-dubji dwar il-validità tax-xogħol li għalih ġew ingaġġati kif ukoll in-nuqqas ta' trasparenza dwar l-element kruċjali ta' fiduċja li għandu jorbot lill-persuna impjegata mal-persuna li lejha hu ingaġġat biex jagħti servizz, kemm l-Ombudsman kif ukoll il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku f'diversi okkażjonijiet esprimew it-tħassib tagħhom kemm dan it-tip ta' reklutaġġ huwa kostituzzjonalment korrett u permissibbli.

Il-Kostituzzjoni tipprovdi b'mod ċar ħafna kif għandu jsir reklutaġġ ta' persuni minbarra s-servizz pubbliku. Is-subinċiż 2(ċ) tal-Artikolu 110 jistipula illi "*dwar l-impieg ta' uffiċjali pubbliċi minbarra s-servizz pubbliku għandha, kemm-il darba dak l-impieg ma jsirx wara eżami pubbliku li jiġi avżat fil-Gazzetta, tiġi eżerċitata biss permezz ta' servizz għall-impjegar provdut minn fondi pubbliċi li jiżgura li ebda distinzjoni, esklużjoni jew preferenza ma jsiru jew jingħataw favur jew kontra xi persuna minħabba l-fehma politika tagħha u liema servizz jipprovdi opportunità li għall-impjiegi biss fl-aħjar interessi tas-servizz pubbliku u tan-nazzjon in ġenerali*".

Il-Kostituzzjoni mkien ma tipprovdi għall-ingaġġ mas-servizz pubbliku ta' persuni minbarra s-servizz fuq *positions of trust*. L-ebda liġi ordinarja ma tista' tvarja dak li hu espressament provdut fil-Kostituzzjoni biex tassigura amministrazzjoni pubblika tajba minn uffiċjali kompetenti, ingaġġati wara proċess kompetittiv miftuħ u trasparenti. Il-fatt illi amministrazzjonijiet sussegwenti anke jekk fi grad differenti, użaw din is-sistema biex jimpjegaw persuni tal-fiduċja tagħhom, bl-ebda mod ma jissana s-sitwazzjoni li, skont pariri awtorevoli li għandu l-Uffiċċju tal-Ombudsman, hija waħda irregolari.

Ċertament jeħtieġ li l-pożizzjoni tiġi iċċarata. Anke dwar dan hemm bżonn li jkun hemm kunsens bejn il-forzi politiċi fuq regoli li jkunu jipprovdu għall-esiġenzi limitati f'każijiet eċċezzjonali li jkunu realment jirrikjedu persuni ta' fiduċja minbarra s-servizz pubbliku. Dan waqt li jiġi rispettat il-ħsieb tal-Kostituzzjoni li l-amministrazzjoni pubblika għandha tkun immexxija minn servizz pubbliku effiċjenti, dejjem leali lejn il-Gvern tal-ġurnata u pront li jesegwixxi l-politika mfassla minnu. Biex jintlaħaq dan il-għan il-Kostituzzjoni tipprovdi regoli preċiżi u tassattivi li ftit iħallu lok għall-interpretazzjoni.

## Konklużjoni

Finalment wieħed għandu dejjem iżomm quddiem għajnejh li l-Kostituzzjoni jeħtieġ li tilħaq l-aspirazzjonijiet tal-poplu li jipparteċipa b'mod dirett fl-amministrazzjoni tal-pajjiż. L-individwu u mhux l-Istat għandu jkun fiċ-ċentru tar-riforma kostituzzjonali. L-emendi kostituzzjonali m'għandhomx ikunu r-riżultat ta' konklużjonijiet mgħaġġla u superfiċjali, bażati fuq *slogans* populisti jew ta' konvenjenza politika. Għandhom ikunu l-frott ta' dibattitu fil-fond dwar il-prinċipji u l-valuri li fuqhom għandha tkun bażata r-repubblika demokratika. Ir-riforma għandha timmira biex tissodisfa l-ogħla test tal-kredenzjali demokratiċi tal-pajjiż fir-rispett tas-saltna tad-dritt, il-jeddijiet u l-libertajiet fundamentali, is-solidarjetà u s-sussidjarjetà. Għandha wkoll tkun ir-riżultat ta' kunsens wiesa' milħuq wara konsultazzjoni fejjieda mhux biss man-naħat kollha tal-i*spectrum* politiku imma wkoll mal-istrata kollha tas-soċjetà ċivili. Hekk jawgura li tkun l-Ombudsman.

# Riċerka u Komunikazzjoni

# Riċerka u Komunikazzjoni

Matul is-sena li għaddiet, l-Uffiċċju għar-Riċerka u l-Komunikazzjoni kompla bl-isforzi biex tiżdied il-viżibilità tal-Uffiċċju bil-għan li l-pubbliku jkun aktar infurmat bis-servizzi li joffri l-Uffiċċju tal-Ombudsman. Dan sar bis-sehem tas-sezzjonijiet kollha tal-Uffiċċju u kif ukoll bil-parteċipazzjoni tal-Kummissarji speċjalizzati.

**Parteċipazzjoni fuq programmi tat-TV u Radju**

Matul l-aħħar parti tal-2016 u matul l-2017 kompliet l-inizjattiva, li uffiċjali mill-Uffiċċju tal-Ombudsman jipparteċipaw fi programmi tar-radju u televiżjoni sabiex jagħtu aktar informazzjoni dwar il-funzoni tal-Ombudsman. Din l-inizjattiva ntlaqgħet tajjeb u bdiet tħalli l-frott. Matul ix-xhur li ġejjin, se terġa' ssir kampanja simili bil-parteċipazzjoni tal-Uffiċjali Investigaturi u l-Kummissarji, anke biex isservi bħala introduzzjoni għal Kummissarji l-ġodda.

***Freshers' Week* fl-Università u kuntatt mal-istudenti**

Għat-tielet darba, l-Uffiċċju tal-Ombudsman, ipparteċipa fl-attività *Freshers' Week* fuq il-kampus tal-Università. L-i*stand* tal-Uffiċċju tal-Ombudsman kienet iffukata fuq ir-rwol u s-servizzi li joffri l-Kummissarju tal-Edukazzjoni din is-sena bi *stand* akbar u aktar attraenti.

Il-parteċipazzjoni fi *Freshers' Week* intlaqet tajjeb mill-istudenti, u rriżultat f'żieda ta' ilmenti. Għall-ewwel darba s-sena li għaddiet, l-Uffiċċju tal-Ombudsman ipparteċipa wkoll fil-*Freshers' Week* organizzata mill-ITS. Din l-inizjattiva serviet biex l-istudenti tal-ITS ikunu aktar infurmati bl-irwol u s-servizzi tal-Ombudsman b'mod speċjali l-Kummissarju tal-Edukazzjoni. Din il-parteċipazzjoni ġiet ukoll konfermata għas-sena 2017.

Matul is-sena 2018, l-Uffiċċju tal-Ombudsman se jkompli jipparteċipa f'inizjattivi bħal dawn biex ikun eqreb taċ-ċittadin.

**Laqgħat regolari f'Għawdex**

L-Uffiċċju tal-Ombudsman, fl-2015 kien reġa' introduċa laqgħat mar-residenti f'Għawdex. Dawn il-laqgħat isiru darba fix-xahar u għalihom jattendu uffiċjali investigaturi. Dawn il-laqgħat se jkomplu matul l-2018.

**Kuntatt mal-*media***

Ir-relazzjoni tajba mal-*media* huwa element importanti ħafna fix-xogħol tal-Ombudsman u għalhekk matul is-sena li għaddiet kompliet tissaħħaħ. L-Uffiċċju baqa' ikun dejjem disponibbli li jipprovdi, meta possibbli, l-informazzjoni mitluba mill-ġurnalisti.

**Rapporti u pubblikazzjonijiet**

Bħal kull sena, l-Uffiċċju tar-Riċerka u Komunikazzjoni kien involut ukoll fir-riċerka u produzzjoni ta' diversi rapporti u pubblikazzjonijiet li l-Uffiċċju tal-Ombudsman ippubblika fl-aħħar xhur. Dawn jinkludu:

- Riċerka, kitba u produzzjoni tal-*Case Notes* 2015, li fih kien jinkludi ġabra ta' każijiet fil-qosor li jkopru ukoll każijiet investigati mill-Kummissarji. Kif sar fis-snin li għaddiet, din il-pubblikazzjoni saret ukoll b'żewġ lingwi: Malti u Ingliż;
- Riċerka, kitba u produzzjoni tar-Rapport Annwali 2016 li kien jinkludi rapporti ta' ħidma tat-tlett Kummissarji.
- Riċerka, kitba u produzzjoni tal-*Case Notes* 2016, li fih kien jinkludi ġabra ta' każijiet fil-qosor li jkopru wkoll każijiet investigati mill-Kummissarji. Kif sar fis-snin li għaddiet, din il-pubblikazzjoni saret ukoll b'żewġ lingwi: Malti u Ingliż;
- Riċerka, kitba u produzzjoni tal-Ombudsplan 2018; u
- Publikazzjoni ta' rapport mill-Kummissarju għall-Edukazzjoni '*Good could be better - MATSEC Access Arrangements for Special Needs Candidates with reference to candidates suffering from ADHD, Autism or Dyslexia Conditions*'.

**Parteċipazzjoni f'sessjoni ta' taħriġ organizzata mill-Assoċjazzjoni tal-Ombudsmen tal-Mediterran u taħriġ ieħor fuq il-liġijiet Ewropej tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem.**

Għat-tielet sena konsekuttiva, l-Uffiċjal tar-Riċerka u Komunikazzjoni ngħaqad ma' *lecturers* oħra mill-pajjiżi tal-Mediterran u għamel preżentazzjoni waqt waħda mis-sessjonijiet ta' taħriġ li l-Assoċjazzjoni toffri għall-istituzzjonijiet mill-pajjiżi tal-Mediterran.

Matul din is-sena ukoll, l-Uffiċjal tar-Riċerka u Komunikazzjoni, flimkien ma' uffiċjali oħra attenda għal sessjonijiet ta' taħriġ fuq liġijiet Ewropej tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem.

# Ċart Organizzattiva

# Ċart Organizzattiva



# Rendikont Finanzjarju 2017/2018

# Tagħrif fil-qosor dwar il-finanzjament għas-sena 2017

It-talba għall-allokazzjoni finanzjarja għall-Uffiċċju tal-Ombudsman Parlamentari għas-sena 2017 kienet tlaħħaq is-somma ta' € 1,200,000 (Tabella f'Paġna 29). Dan l-ammont kien magħmul mis-segwenti kapi ta' spejjeż:

| | | |
|---|---|---|
| i) | Salarji u emolumenti personali | € 917,000 |
| ii) | Spejjeż ta' operat u manutenzjoni | € 207,300 |
| iii) | Spiża kapitali | € 75,000 |

Din is-somma ġiet approvata fil-21 ta' Novembru 2016 f'seduta tal-*House Business Committee.*

L-allokazzjoni effettiva mill-Ministeru għall-Finanzi fil-bidu tas-sena 2017 kienet ta' €1,100,000 kif jidher fl-estimi għal din is-sena. Sussegwentement fit-28 ta' Marzu 2017 il-Ministeru għall-Finanzi approva l-bilanċ ta' €100,000.

# Tagħrif ieħor relatat man-nefqa għas-sena 2017

Wara li l-proġett ta' alterazzjoni u rikondizzjonament tal-bini fi 12, Triq San Pawl, il-Belt Valletta tlesta, it-tmexxija tal-Uffiċċju qed tħejji l-pjan biex isir programm ta' sigurtà fil-binja fejn jidħlu perikli min-nirien. Għaldaqstant inbdew kuntatti mad-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili biex isiru spezzjonijiet u rakkomandazzjonijiet fuq miżuri ta' sigurtà f'dan ir-rigward.

Is-sala fejn jistgħu jinżammu taħditiet u laqgħat żgħar issa hija lesta u kompleta b'"*sound system*", "*projector*" u "*work centre*". Dan il-proġett tlesta f'Settembru tas-sena 2016 u ibbenefika minn fondi barranin li għalkemm modesti għenu f'dan il-proġett. Fuq skala simili s-sistema ta' telefonija fissa li kienet ilha sservi lil dan l-Uffiċċju sa mill-bidu issa nbidlet f'waħda moderna u setgħu jittieħdu miżuri biex jitneħħew il-*wires* telefoniċi kollha mill-binja.

Minħabba d-dħul fis-seħħ tar-regolamenti ġodda fil-qasam tal-protezzjoni tad-data l-Uffiċċju qed jikkontempla tibdil fil-"*policies*" u proċeduri f'dan ir-rigward. Waħda minn dawn il-"*policies*" tolqot it-tul ta' żmien li wieħed għandu jżomm id-dokumenti. Wara dan, l-Uffiċċju għandu jieħu azzjoni t'arkivjar ta' dokumenti li għandha twassal biex id-dokumenti kollha jiġu arkivjati fl-Uffiċċju stess mingħajr l-użu ta' ħażna ta' dokumenti għand terzi. Dan għandu jwassal biex ikomplu jonqsu l-ispejjeż ta' arkivjar u tiżdied l-effiċjenza tar-"*Registry*".

Is-sistema tal-"*Case Management*" ilha taqdi lil dan l-Uffiċċju sa mis-sena 2000 u għalhekk ilha tinħass il-ħtieġa li tiġi introdotta sistema ġdida ta' proċessar ta' każi. Ir-rikjesti tas-*software* meħtieġa tħejjew mill-Uffiċċju stess u ġew finalizzati wara konsultazzjoni interna biex b'hekk ġew iffrankati spejjeż ta' analisti speċjalizzati. Minn hawn `l quddiem għandu jinbeda l-proċess tal-għażla tas-sistema l-ġdida. Huwa ttamat li din is-sistema tibda titħaddem mis-sena d-dieħla.

L-Uffiċċju jemmen li r-riżorsa umana hija parti integra mis-sistema biex jitmexxa `l quddiem il-pjan ta' ħidma ta' matul is-sena. Mill-bidu tas-sena 2017 l-uffiċjali kollha bdew igawdu minn titjib fil-kundizzjonijiet ta' xogħol b'mod partikulari f'żidiet fil-pagi antiċipati skont il-ftehim kollettiv tas-Servizz Pubbliku. Bħal fis-snin ta' qabel tkomplew programmi ta' taħrig tal-uffiċjali sabiex dawn jaġġornaw irwiehom mal-iżviluppi li jkunu qed iseħħu madwarna. Dan it-taħriġ jinvolvi korsijiet u konferenzi kemm lokali u kemm barra minn xtutna. L-uffiċjali investigattivi jattendu korsijiet fuq liġijiet li jirregolaw l-ugwaljanza u d-diskriminazzjoni kif ukoll huma attivi fi gruppi ta' ħidma dwar żviluppi ta' ilmenti fl-ambitu tal-armata. L-Uffiċċju jiġi wkoll rappreżentat tajjeb ġewwa fora u konferenzi internazzjonali fejn jiġu diskussi temi t'interess għall-Uffiċċju f'ambjent ta' kolleġjalità. L-Uffiċċju jagħmel l-almu tiegħu biex jibbenefika minn finanzjar ta' dawn il-programmi edukattivi u ta' formazzjoni professjonali.

## Tagħrif dwar il-finanzi meħtieġa mill-Uffiċċju tal-Ombudsman Parlamentari fl-2018

| Details | Approved Allocation for 2017 € | Requested Allocation for 2018 € |
|---|---|---|
| Salaries | 675,150 | 684,300 |
| Bonus | 5,600 | 5,600 |
| Income Supplements | 5,000 | 5,000 |
| Social Security Contributions | 36,950 | 36,700 |
| Allowances | 195,000 | 195,000 |
| **Total Personal Emoluments** | **917,700** | **926,600** |
| **Operational & Maintenance Expenses** | | |
| Utilities | 24,000 | 20,000 |
| Materials and Supplies | 13,000 | 10,000 |
| Repair and Upkeep | 15,000 | 10,000 |
| Rent | 8,100 | 8,100 |
| International Membership | 2,000 | 2,000 |
| Office Services | 15,000 | 10,000 |
| Transport | 15,000 | 13,000 |
| Travel | 15,000 | 15,000 |
| Information Services | 15,000 | 15,000 |
| Contractual Services | 45,000 | 45,000 |
| Professional Services | 15,000 | 15,000 |
| Training | 2,500 | 5,000 |
| Hospitality | 2,000 | 3,000 |
| Outreach Programmes | 20,000 | 10,000 |
| Incidental Expenses | 700 | 600 |
| **Total Operational and Maintenance Expenses** | **207,300** | **181,700** |
| **Special Expenditure** | | |
| Improvements to property | 10,000 | 6,700 |
| Equipment | 50,000 | 35,000 |
| Vehicle | 15,000 | 0 |
| **Total Special Expenditure** | 75,000 | 41,700 |
| **Total** | **1,200,000** | **1,150,000** |

# Statistika 2016/2017

# Statistika 2016/2017

Din il-parti tal-Ombudsplan titratta l-informazzjoni dwar l-ilmenti mressqa bejn Jannar u Awwissu 2017. Għal fini ta' tqabbil, qed tiġi wkoll ipprovduta l-istess informazzjoni għas-sena 2016. Din l-informazzjoni tinkludi l-ilmenti kollha li rċieva l-Ombudsman Parlamentari u l-Kummissarji speċjalizzati.

## Tabella 1 – Statistika ta' ilmenti ġodda, ilmenti li ngħalqu u ilmenti pendenti

Din it-tabella turi kemm kienu l-ilmenti ġodda li daħlu, dawk li ngħalqu u dawk li għadhom pendenti. Din it-tabella tinkludi wkoll l-ilmenti tat-tlett Kummissarji speċjalizzati.

### Każijiet ġodda

Bejn Jannar u Awwissu 2017, daħlu b'kollox 336 ilmenti, tnaqqis ta' 10.4% fuq l-istess perjodu fl-2016. Minn 336 każ illi daħlu, 227 ilment ġew trattati mill-Ombudsman Parlamentari; 10 ilmenti mill-Kummissarju għall-Edukazzjoni; 59 ilment mill-Kummissarju għas-Saħħa u 40 ilment mill-Kummissarju għall-Ambjent u l-Ippjanar.

### Każijiet li ngħalqu

Tabella Nru 1 turi ukoll, il-każijiet li ngħalqu matul l-istess perjodu. Bejn Jannar u Awwissu 2017 ingħalqu b'kollox 305 każ, tnaqqis ta' 37.5% fuq l-istess perjodu fl-2016. Mill-305 każ li ngħalqu, 206 każ ingħalqu mill-Ombudsman Parlamentari; 32 każ mill-Kummissarju għas-Saħħa; 51 każ mill-Kummissarju għall-Ambjent u l-Ippjanar u 16 każijiet mill-Kummissarju għall-Edukazzjoni.

# Statistika

## Tabella 1 - Statistika ta' ilmenti ġodda, ilmenti li ngħalqu u ilmenti pendenti bejn Jannar/Awwissu 2016 u 2017

| | 2016 | | | 2017 | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Perjodu | Każijiet li waslu | Każijiet li ngħalqu | Każijiet pendenti | Każijiet li waslu | Każijiet li ngħalqu | Każijiet pendenti |
| **Ombudsman Parlamentari** | | | | | | |
| **Każijiet mis-sena ta' qabel** | | | 276 | | | 123 |
| Jannar - Marzu | 106 | 141 | 241 | 85 | 92 | 116 |
| April - Ġunju | 78 | 115 | 204 | 98 | 70 | 144 |
| Lulju - Awwissu | 70 | 95 | 179 | 44 | 44 | 144 |
| **Total** | **254** | **351** | | **227** | **206** | |
| **Kummissarju għall-Edukazzjoni** | | | | | | |
| Perjodu | Każijiet li waslu | Każijiet li ngħalqu | Każijiet pendenti | Każijiet li waslu | Każijiet li ngħalqu | Każijiet pendenti |
| **Każijiet mis-sena ta' qabel** | | | 18 | | | 9 |
| Jannar - Marzu | 18 | 12 | 24 | 4 | 9 | 4 |
| April - Ġunju | 7 | 21 | 10 | 2 | 5 | 1 |
| Lulju - Awwissu | 6 | 5 | 11 | 4 | 2 | 3 |
| **Total** | **31** | **38** | | **10** | **16** | |
| **Kummissarju għas-Saħħa** | | | | | | |
| Perjodu | Każijiet li waslu | Każijiet li ngħalqu | Każijiet pendenti | Każijiet li waslu | Każijiet li ngħalqu | Każijiet pendenti |
| **Każijiet mis-sena ta' qabel** | | | 49 | | | 41*** |
| Jannar - Marzu | 11 | 11 | 49 | 23 | 16 | 48 |
| April - Ġunju | 18 | 11 | 56 | 12 | 12 | 48 |
| Lulju - Awwissu | 23 | 17 | 62 | 24 | 4 | 68 |
| **Total** | **52** | **39** | | **59** | **32** | |

| | 2016 | | | 2017 | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Perjodu | Każijiet li waslu | Każijiet li ngħalqu | Każijiet pendenti | Każijiet li waslu | Każijiet li ngħalqu | Każijiet pendenti |
| Kummissarju għall-Ambjent u l-Ippjanar | | | | | | |
| **Każijiet mis-sena ta' qabel** | | | 55 | | | 24 |
| Jannar - Marzu | 15 | 15 | 55 | 19 | 11 | 32 |
| April - Ġunju | 12 | 12 | 55 | 7 | 15 | 24 |
| Lulju - Awwissu | 11 | 33 | 33 | 14 | 25 | 13 |
| **Total** | **38** | **60** | | **40** | **51** | |
| Total Globali | | | | | | |
| Perjodu | Każijiet li waslu | Każijiet li ngħalqu | | Każijiet li waslu | Każijiet li ngħalqu | |
| Jannar - Awwissu | **375** | **488** | | **336** | **305** | |

## Tabella 2 – Assistenza mogħtija lill-Pubbliku

L-Uffiċċju tal-Ombudsman jagħti wkoll servizz lil dawk li jirrikorru għandu għall-parir jew biex jingħataw assistenza għall-ilmenti li mhux bilfors ikun jinħtieġ li dwarhom jinfetaħ każ formali u spiss ikun hemm okkażjonijiet fejn kull ma jkun hemm bżonn hu ta' spjegazzjoni, assistenza jew gwida dwar fejn għandhom jirrikorru bl-ilment tagħhom.

Bejn Jannar u Awwissu 2017, kien hemm 332 persuna li talbu assistenza lill-Uffiċċju tal-Ombudsman. Komparat mas-sena 2016, kien hemm tnaqqis ta' 16.8% fin-nies li irrikorrew għand l-Ombudsman għal parir.

### Tabella 2 - Statistika ta' assistenza li ngħatat lill-pubbliku Jannar/Awwissu 2016 u 2017

| Kategorija | Jannar - Awwissu 2016 | Jannar - Awwissu 2017 |
|---|---|---|
| Ingħataw parir | 399 | 326 |
| Riżolt mill-PRO | - | 6 |
| **Total** | **399** | **332** |

## Tabella 3 – Klassifika ta' ilmenti ġodda

Tabella Nru 3 turi l-klassifika ta' ilmenti ġodda bejn Jannar u Awwissu ta' din is-sena u kif dawn jikkomparaw mal-istess perjodu tas-sena li għaddiet. Din it-tabella tgħin biex jiġu identifikati x-xejriet tal-problemi u l-ilmenti li qed ikollu l-pubbliku.

### Ombudsman Parlamentari

Mill-ilmenti l-ġodda trattati mill-Ombudsman Parlamentari, l-iktar ilmenti komuni kienu dawk l-ilmenti li fihom ikun allegat nuqqas ta' ġustizzja jew bilanċ li ammontaw għal 53% tal-ilmenti. Meta tikkompara mas-sena li għaddiet kien hemm żieda ta' 64% f'din il-kategorija.

Ta' min jinnota, li għat-tielet sena konsekuttiva, il-persuni li l-ilment tagħhom kien dwar azzjoni jew nuqqas ta' azzjoni li kienet kontra l-liġi jew applikazzjoni riġida tar-regoli, regolamenti u proċeduri naqqsu. Dawk li l-ilment tagħhom kien jitratta nuqqas ta' trasparenza naqsu tant li matul din is-sena ma kien hemm ebda ilment li jaqa' f'din il-kategorija. L-ilmenti li allegaw diskriminazzjoni improprja baqgħu fl-istess livell tas-sena li għaddiet u dawk li ilmentaw għax l-informazzjoni li kienu jeħtieġu ma ngħatatx jew damet ma ngħatat naqsu b'69% . Dawk li ilmentaw dwar dewmien żejjed jew nuqqas ta' azzjoni baqgħu fl-istess livell tas-sena li għaddiet.

### Kummissarju għall-Edukazzjoni

L-akbar numru ta' ilmenti (60%) li tratta l-Kummissarju għall-Edukazzjoni kienu dwar trattament mhux ġust jew diskriminatorju, dawn jinkludu wkoll trattament inġust fejn jidħlu stipendji, għoti ta' *scholarships* u kif ukoll ilmenti b'element akkademiku u mhux akkademiku. Ta' min jinnota li f'din il-kategorija kien hemm tnaqqis fin-numru ta' każi pero żieda fil-persentaġġ komparat mas-sena li għaddiet, minn 38% fl-2016 għal 60% din is-sena.

### Kummissarju għas-Saħħa

Mid-59 ilment li nvestiga l-Kummissarju għas-Saħħa, 35% tal-ilmenti kienu dwar kwistjonijiet relatati mal-ħaddiema fil-qasam tas-saħħa, li baqgħu fl-istess livell tas-sena li għaddiet. Il-kategoriji l-oħra baqgħu fl-istess livell tas-sena li għaddiet.

### Kummissarju għall-Ambjent u l-Ippjanar

L-aktar ilmenti komuni li tratta l-Kummissarju għall-Ambjent u l-Ippjanar kienu dawk l-ilmenti fejn ikun hemm allegazzjoni ta' azzjoni li hija kontra l-liġi jew ta' applikazzjoni riġida ta' regoli. Dawn kienu jammontaw għal 38% tal-każijiet li tratta, li hu fl-istess livell tas-sena li għaddiet. Għat-tielet sena konsekuttiva, it-tieni l-aktar ilmenti komuni kienu dawk li jirrigwardjaw dewmien żejjed jew nuqqas ta' azzjoni, li ammontaw għal 27% tal-każijiet investigati mill-Kummissarju.

## Tabella 3 - Klassifika ta' ilmenti ġodda bejn Jannar/Awwissu 2016 - 2017

| Kategorija | 2016 Jannar - Awwissu | | 2017 Jannar - Awwissu | |
|---|---|---|---|---|
| **Ombudsman Parlamentari** | | | | |
| Kontra l-liġi jew applikazzjoni riġida ta' regoli, regolamenti u proċeduri | 48 | 19% | 18 | 8% |
| Diskriminazzjoni improprja | 29 | 12% | 27 | 12% |
| Nuqqas ta' trasparenza | 20 | 8% | - | - |
| Nuqqas biex tingħata jew titwassal l-informazzjoni | 26 | 10% | 8 | 4% |
| Dewmien żejjed jew nuqqas ta' azzjoni | 57 | 22% | 53 | 23% |
| Nuqqas ta' ġustizzja jew bilanċ | 74 | 29% | 121 | 53% |
| **Total** | **254** | **100%** | **227** | **100%** |
| **Kummissarju għall-Edukazzjoni** | | | | |
| Immarkar mhux ġust ta' xogħol akkademiku | 4 | 13% | 2 | 20% |
| Ħtiġijiet speċjali li ma ngħatawx attenzjoni | - | - | - | - |
| Promozzjoni miċħuda b'mod inġust | 3 | 10% | 1 | 10% |
| Kariga miċħuda b'mod inġust (mili ta' post battal) | 5 | 16% | - | - |
| Trattament mhux ġust/ diskriminatorju* | 12 | 38% | 6 | 60% |
| Nuqqas ta' tagħrif/attenzjoni | 4 | 13% | - | - |
| Inizjattiva personali | 3 | 10% | 1 | 10% |
| **Total** | **31** | **100%** | **10** | **100%** |
| **Kummissarju għall-Ambjent u l-Ippjanar** | | | | |
| Kontra l-liġi jew applikazzjoni riġida ta' regoli, regolamenti u proċeduri | 15 | 39% | 15 | 38% |
| Diskriminazzjoni improprja | 2 | 5% | 3 | 7% |
| Nuqqas ta' trasparenza | - | - | - | - |
| Nuqqas biex tingħata jew titwassal l-informazzjoni | 3 | 8% | 3 | 7% |
| Dewmien żejjed jew nuqqas ta' azzjoni | 12 | 32% | 10 | 25% |
| Nuqqas ta' ġustizzja jew bilanċ | 6 | 16% | 8 | 20% |
| Titjieb fil-kwalità tal-ħajja | - | - | 1 | 3% |
| **Total** | **38** | **100%** | **40** | **100%** |

| Kategorija | 2016 Jannar - Awwissu | | 2017 Jannar - Awwissu | |
|---|---|---|---|---|
| **Kummissarju għas-Saħħa** | | | | |
| Kontra l-liġi jew applikazzjoni riġida ta' regoli, regolamenti u proċeduri | 10 | 19% | 7 | 12% |
| Diskriminazzjoni improprja | 4 | 8% | 6 | 10% |
| Dħul, ħruġ u proċedura ta' trasferimenti u arranġamenti fl-isptarijiet u djar tal-anzjani | 1 | 2% | 1 | 2% |
| Għajnuna medika u apparat | - | - | - | - |
| Attitudni tal-impjegati -<br>• Impjegati *nursing staff*<br>• Impjegati fl-amministrazzjoni<br>• Impjegati tobba | -<br>1<br>- | -<br>2%<br>- | -<br>-<br>- | -<br>-<br>- |
| Tkomplija ta' kura | 10 | 19% | 9 | 15% |
| *Nursing Care* | - | - | 1 | 2% |
| Servizzi ta' akkomodazzjoni u ambjent fl-iSptar | - | - | - | - |
| Privatezza, dinjità u kunfidenzjalità tal-pazjent | - | - | - | - |
| Kwistjonijiet relatati mal-ħaddiema | 18 | 34% | 21 | 35% |
| Komunikazzjoni fqira u ineffettiva/nuqqas ta' informazzjoni lill-pazjenti | 2 | 4% | 2 | 3% |
| Żamma ta' rekords | 1 | 2% | - | - |
| Nuqqas ta' mediċini | 1 | 2% | 1 | 2% |
| Lista ta' stennija/tul ta' żmien biex pazjent jiġi eżaminat | - | - | - | - |
| Nuqqas ta' trasparenza | 2 | 4% | 4 | 7% |
| Ħwejjeġ oħra | 2 | 4% | 7 | 12% |
| **Total** | **52** | **100%** | **59** | **100%** |
| **Total Globali** | **375** | **-** | **336** | **-** |

## Tabella 4 – Klassifika ta' każijiet magħluqa

Din it-tabella turi kif ġew klassifikati l-każijiet magħluqa bejn Jannar u Awwissu 2017. Din it-tabella tagħti spjegazzjoni dwar it-tip ta' konklużjonijiet li joħroġu mill-investigazzjoni.

Il-klassifika tal-każijiet tinqasam bejn dawk l-ilmenti li ġew ġustifikati jew le, dawk li ġew solvuti waqt l-investigazzjoni, dawk li ġew mogħtija parir jew għajnuna waqt l-investigazzjoni, dawk li ma jaqgħux taħt il-ġurisdizzjoni tal-Ombudsman u dawk li jkunu trivjali jew li skadew biż-żmien.

### Ombudsman Parlamentari

L-Ombudsman Parlamentari investiga 206 ilment li 28% minnhom saret investigazzjoni formali dwarhom. F'dan il-perjodu, kien hemm 38% tal-każijiet li ġew solvuti waqt l-investigazzjoni; 11% li ngħataw parir u għajnuna wara li l-każ tagħhom beda jiġi investigat; 18% kienu ilmenti li l-Ombudsman ma setax jinvestiga minħabba li kienu barra l-ġurisdizzjoni tiegħu u 5% kienu dawk li ma ġewx investigati minħabba li jew kienu trivjali jew it-terminu ta' sitt xhur minn meta seħħ l-ilment kien skada.

### Kummissarju għall-Edukazzjoni

Mill-ilmenti li kienu investigati mill-Kummissarju għall-Edukazzjoni, 19% kienu ġustifikati mentri 75% ma kienux. Mill-każijiet investigati 6% biss kienu barra l-ġurisdizzjoni tal-Kummissarju għall-Edukazzjoni.

### Kummissarju għas-Saħħa

Il-Kummissarju għas-Saħħa għalaq 41% tal-każijiet favur il-persuna li ressqet l-ilment, u l-istess ammont 41% tal-ilmenti li investiga ma kienux ġustifikati. Ta' min jinnota li 9% tal-każi ġew solvuti waqt il-proċess ta' investigazzjoni u għalhekk il-persuna li ressqet l-ilment ma kelliex għalfejn tkompli bil-każ tagħha.  Kien hemm ukoll 3% tal-każijiet investigati li ġew mogħtija parir u assistenza waqt l-investigazzjoni u 6% ma setgħux jiġu investigati għax kienu barra l-ġurisdizzjoni tal-Kummissarju.

### Kummissarju għall-Ambjent u l-Ippjanar

Mill-każijiet li l-Kummissarju għall-Ambjent u l-Ippjanar investiga bejn Jannar u Awwissu ta' din is-sena, 23% tal-ilmenti kienu ġustifikati u għalhekk il-persuna li ressqet l-ilment ingħatat raġun; 10% ma kienux ġustifikati u għalhekk ma kienx hemm nuqqas mill-entità, awtorità jew dipartiment li dwarhom kienu saru l-ilmenti.

Kien hemm ukoll, 55% tal-każijiet li ġew solvuti waqt l-investigazzjoni. Kien hemm ukoll 6% li ngħataw parir,  4% li kienu barra l-ġurisdizzjoni u għalhekk ma setgħux jiġu investigati u 2% li kienu skaduti biż-żmien jew in-natura tagħhom kienet trivjali.

## Tabella 4 - Klassifika ta' każijiet magħluqa bejn Jannar/Awwissu 2016 - 2017

| Kategorija | 2016 Jannar - Awwissu | | 2017 Jannar - Awwissu | |
|---|---|---|---|---|
| **Ombudsman Parlamentari** | | | | |
| Każijiet investigati:<br>• ġustifikati<br>• mhux ġustifikati | <br>19<br>74 | <br>5%<br>21% | <br>11<br>47 | <br>5%<br>23% |
| Solvuti waqt l-investigazzjoni | 105 | 30% | 78 | 38% |
| Mogħtija pariri/għajnuna | 44 | 13% | 22 | 11% |
| Barra l-ġurisdizzjoni | 78 | 22% | 38 | 18% |
| Skaduti biż-żmien/trivjali | 21 | 9% | 10 | 5% |
| **Total** | **351** | **100%** | **206** | **100%** |
| **Kummissarju għall-Edukazzjoni** | | | | |
| Każijiet investigati:<br>• ġustifikati<br>• mhux ġustifikati | <br>10<br>15 | <br>26%<br>40% | <br>3<br>12 | <br>19%<br>75% |
| Solvuti waqt l-investigazzjoni | 6 | 16% | - | - |
| Mogħtija pariri/għajnuna | 5 | 13% | - | - |
| Barra l-ġurisdizzjoni | 2 | 5% | 1 | 6% |
| Skaduti biż-żmien/trivjali | - | - | - | - |
| **Total** | **38** | **100%** | **16** | **100%** |
| **Kummissarju għas-Saħħa** | | | | |
| Każijiet investigati:<br>• ġustifikati<br>• mhux ġustifikati | <br>20<br>11 | <br>51%<br>28% | <br>13<br>13 | <br>41%<br>41% |
| Solvuti waqt l-investigazzjoni | 4 | 10% | 3 | 9% |
| Mogħtija pariri/għajnuna/irtirati | 1 | 3% | 1 | 3% |
| Barra l-ġurisdizzjoni | 3 | 8% | 2 | 6% |
| Skaduti biż-żmien/trivjali | - | - | - | - |
| **Total** | **39** | **100%** | **32** | **100%** |

| Kategorija | 2016 Jannar - Awwissu | | 2017 Jannar - Awwissu | |
|---|---|---|---|---|
| Kummissarju għall-Ambjent u l-Ippjanar | | | | |
| Każijiet investigati:<br>• ġustifikati<br>• mhux ġustifikati | <br>14<br>7 | <br>23%<br>11% | <br>12<br>5 | <br>23%<br>10% |
| Solvuti waqt l-investigazzjoni** | 36 | 60% | 28 | 55% |
| Mogħtija pariri/għajnuna | 1 | 2% | 3 | 6% |
| Barra l-ġurisdizzjoni | 1 | 2% | 2 | 4% |
| Skaduti biż-żmien/trivjali | 1 | 2% | 1 | 2% |
| **Total** | **60** | **100%** | **51** | **100%** |
| Totali Globali | **488** | **-** | **305** | **-** |

## Tabella 5 – Klassifika ta' każijiet sostnuti u magħluqa

Din it-tabella tagħti ħarsa lejn in-numru ta' ilmenti investigati li fil-fatt irriżulta li l-allegazzjoni dwar xi nuqqas min-naħa tal-amministrazzjoni pubblika kienet sostnuta.

### Ombudsman Parlamentari

Matul l-ewwel tminn xhur ta' din is-sena, l-akbar numru ta' każijiet li l-Ombudsman Parlamentari ta raġun dwarhom, insibu dawk l-ilmenti li kienu jitrattaw nuqqas ta' ġustizzja jew bilanċ, li ammontaw għal 35% tal-ilmenti sostnuti.

It-tieni l-aktar kawża komuni, din is-sena nsibu dawk il-każijiet li jitrattaw dawk l-ilmenti dwar dewmien żejjed u nuqqas ta' azzjoni bi 33% tal-ilmenti sostnuti.

### Kummissarju għall-Edukazzjoni

Il-każijiet li kienu sostnuti mill-Kummissarju għall-Edukazzjoni kienu maqsuma b'mod identiku fi tlett kategoriji dik ta' promozzjoni miċħuda b'mod inġust, trattament inġust u diskriminatorju u rapport fuq inizjattiva tal-Kummissarju, bi 33% f'kull kategorija.

### Kummissarju għas-Saħħa

Peress li l-ilmenti li jinvestiga l-Kummissarji għas-Saħħa huma ħafna aktar varji, il-kategoriji stabbiliti huma aktar wiesgħa. F'dan il-qasam, l-iktar ilmenti sostnuti komuni kienu dawk dwar kwistjonijiet li jaqggħu taħt il-kategorija ta' ħaddiema li jaħdmu fil-qasam tas-saħħa li ammontaw għal 56%.

It-tieni l-akbar ammont ta' lmenti kienu dawk li jitrattaw azzjonijiet li kienu dwar tkomplija ta' kura, li ammontaw għall-19%.

### Kummissarju għall-Ambjent u l-Ippjanar

Mill-ilmenti li ġew magħluqa u sostnuti mill-Kummissarju għall-Ambjent u l-Ippjanar, fl-ewwel post insibu dawk l-ilmenti li kienu jallegaw li l-azzjoni tal-amministrazzjoni kienet kontra l-liġi, jew li kien hemm applikazzjoni riġida tar-regoli, regolamenti jew proċeduri li ammontaw għal 38% tal-każijiet sostnuti mill-Kummissarju.

Fit-tieni post, fl-istess livell, hemm dawk dwar dewmien żejjed jew nuqqas ta' azzjoni u u l-ilmenti dwar nuqqas ta' ġustizzja jew bilanċ, bi 15%.

## Tabella 5 - Klassifika ta' każijiet sostnuti u magħluqa f'kategoriji stabbiliti Jannar/Awwissu 2016 - 2017

| Kategorija | 2016 Jannar - Awwissu | | 2017 Jannar - Awwissu | |
|---|---|---|---|---|
| **Ombudsman Parlamentari** | | | | |
| Kontra l-liġi jew applikazzjoni riġida ta' regoli, regolamenti u proċeduri | 23 | 19% | 10 | 11% |
| Diskriminazzjoni improprja | 12 | 9% | 11 | 12% |
| Nuqqas ta' trasparenza | 14 | 11% | 1 | 1% |
| Nuqqas biex tingħata jew titwassal l-informazzjoni | 17 | 14% | 7 | 8% |
| Dewmien żejjed jew nuqqas ta' azzjoni | 35 | 28% | 29 | 33% |
| Nuqqas ta' ġustizzja jew ta' bilanċ | 23 | 19% | 31 | 35% |
| **Total** | **124** | **100%** | **89** | **100%** |
| **Kummissarju għall-Edukazzjoni** | | | | |
| Immarkar mhux ġust ta' xogħol akkademiku | 1 | 6% | - | - |
| Ħtiġijiet speċjali li ma ngħatawx attenzjoni | - | - | - | - |
| Promozzjoni miċħuda b'mod inġust | 3 | 19% | - | - |
| Kariga miċħuda b'mod inġust (mili ta' post battal) | 3 | 19% | 1 | 33% |
| Trattament mhux ġust/ diskriminatorju* | 8 | 50% | 1 | 33% |
| Nuqqas ta' tagħrif/attenzjoni | 1 | 6% | 31 | 35% |
| Inizjattiva personali | - | - | - | - |
| **Total** | **16** | **100%** | **3** | **100%** |
| **Kummissarju għall-Ambjent u l-Ippjanar** | | | | |
| Kontra l-liġi jew applikazzjoni riġida ta' regoli, regolamenti u proċeduri | 19 | 38% | 15 | 13% |
| Diskriminazzjoni improprja | 7 | 14% | 1 | - |
| Nuqqas ta' trasparenza | - | - | - | - |
| Nuqqas biex tingħata jew titwassal l-informazzjoni | 1 | 2% | 3 | 8% |
| Dewmien żejjed jew nuqqas ta' azzjoni | 11 | 22% | 14 | 35% |
| Nuqqas ta' ġustizzja jew ta' bilanċ | 11 | 22% | 6 | 15% |
| Titjieb fil-kwalità tal-ħajja | 1 | 2% | 1 | 2% |
| **Total** | **50** | **100%** | **40** | **100%** |

| Kategorija | 2015<br>Jannar - Awwissu | | 2016<br>Jannar - Awwissu | |
|---|---|---|---|---|
| Kummissarju għas-Saħħa | | | | |
| Kontra l-liġi jew applikazzjoni riġida ta' regoli, regolamenti u proċeduri | 5 | 21% | 2 | 13% |
| Diskriminazzjoni improprja | 5 | 21% | - | - |
| Dħul, ħruġ u proċedura ta' trasferimenti u arranġamenti fl-isptarijiet u djar tal-anzjani | - | - | 1 | 6 |
| Għajnuna medika u apparat | - | - | - | - |
| Attitudni tal-impjegati -<br>• Impjegati *nursing staff*<br>• Impjegati fl-amministrazzjoni<br>• Impjegati tobba | <br>-<br>1<br>- | <br>-<br>4%<br>- | -<br>-- | <br>-<br>-<br>- |
| Tkomplija ta' kura | 2 | 8% | 3 | 19% |
| Servizzi ta' akkomodazzjoni u ambjent fl-iSptar | - | - | - | - |
| *Nursing Care* | | | | |
| Privatezza, dinjità u kunfidenzjalità tal-pazjent | 1 | 4% | - | - |
| Kwistjonijiet relatati mal-ħaddiema | 6 | 26% | 9 | 56% |
| Komunikazzjoni fqira u ineffettiva/nuqqas ta' informazzjoni lill-pazjenti | - | - | 1 | 6% |
| Żamma ta' rekords | 1 | 4% | - | - |
| Nuqqas ta' mediċini | 1 | 4% | - | - |
| Lista ta' stennija/tul ta' żmien biex pazjent jigi eżaminat | - | - | - | - |
| Nuqqas ta' trasparenza | - | - | - | - |
| Ħwejjeġ oħra | 2 | 8% | - | - |
| **Total** | **24** | **100%** | **16** | **100%** |
| **Totali Globali** | **214** | - | **148** | - |

* *Din il-kategorija tinkludi wkoll ilmenti dwar trattament inġust relatat mal-istipendji u l-ischolarships u kif ukoll ilmenti dwar trattament inġust fuq bażi akkademika u mhux akkademika.*

** *Din il-kategorija tinkludi ilmenti li ġew sospiżi sakemm tingħata deċiżjoni mill-Bord tal-appell.*

*** *Ma' dan in-numru ta' ilmenti kien hemm 7 każijiet oħra li kienu magħluqa imma baqgħu pendenti mis-sena ta' qabel minħabba nuqqas ta' risposta mid-dipartiment konċernat.*

OMBUDSMAN

L-Uffiċċju tal-Ombudsman Parlamentari
11 Triq San Pawl
Valletta - VLT 1210
Tel: + 356 2248 3210
***Email***: office@ombudsman.org.mt

www.ombudsman.org.mt